# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 1 Numru 4

DUN KARM: SFOND

GĦALL-QAGĦDA POLITIKA

IT-TRADUZZJONI

ĠENERI TEATRALI

IL-KOMPONIMENT:

X'GĦANDEK TAGĦMEL

LINJI ĠODDA:

OLIVER FRIGGIERI

TAĦRIĠ FL-GĦARBI

BIT-TWEĠIBIET

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Volum 1 Numru 4**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.

© 1984 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.

Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi

**Bord Editorjali**
Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Geth Massud
Paul Xuereb

**Il-Kittieba**

Mario Azzopardi, Ġorġ Mifsud
George Doublesin, Tarċisju Zarb
Oliver Friggieri, Alfred Zerafa

**X'FIH**

**Noti dwar it-Teatru – Ġeneri Teatrali**
*Tarċisju Zarb* 73
**Dun Karm: Sfond għall-Qagħda Politika**
*Mario Azzopardi* 76
**It Traduzzjoni (1)** *Ġorġ Mifsud* 79
**Nintervistaw lil Oliver Friggieri dwar *Linji Ġodda*** 80
**Semantika (4) – Żvilupp fis-Sens: (1) Spostament**
*George Doublesin* 82
**Francis Ebejer: l-Egħruq ta' l-Art**
*Mario Azzopardi* 84
**Titwila lejn il-Grammatika (1) – In-Nomi Verbali**
*Ġorġ Mifsud* 85
**Il-Komponiment: X'għandek Tagħmel**
*Ġorġ Mifsud* 86
فهم المكتوب
١٠ الحدائق العامّة — ٢ بقلم الفريد زرافا
**Mingħand il-Qarrejja** Kopertina

## L-EDITORJAL

Wara ħidma kbira min-naħa tagħna bħala Bord Editorjali u mhux b'inqas min-naħa tad-diretturi tal-Kumpanija P.E.G., irnexxielna nagħtu l-aħjar materjal li kellna f'idejna, anki jekk noħorġu rivista itwal milli fassalna fil-bidu, biex intom l-istudenti jkollkom materjal wiesa' f'idejkom għall-eżami ta' Novembru li għadda kemm għall-Malti kif ukoll għall-Għarbi.

Għalkemm ir-riżultati baqgħalhom ħafna biex joħorġu, il-kummenti sbieħ li għaddewlna bil-fomm u bil-kitba l-għalliema, il-ġenituri u l-istudenti, kienu ħafna u kollha mimlija radd il-ħajr talli bla ma konna nafu aħna stess, ħriġna kitbiet tajbin direttament għall-eżami. Ngħidu aħna, waħda mill-poeżiji għall-kritika letterarja tal-Malti fil-Livell Ordinarju kienet ta' Marċell Mizzi, u fl-ewwel ħarġa ta' *Mis-Sillabu* konna tajniekom mudell ta' poeżija oħra minn tiegħu. U fit-tieni karta tal-Malti fil-Livell Avvanzat kien hemm, fost l-oħrajn il-mistoqsija fuq *Tabernakli* ta' Mario Azzopardi u l-mistoqsija fuq Jumi Ħarr fir-rumanz *Il-Għar tax-Xitan* ta' J.J. Camilleri li kienu diġà żviluppawhom Dr. Joe Friggieri u s-Sur Tarċisju Zarb fil-ħarġa 2 u fil ħarġa 3.

Issa li għandna sitt ħarġiet quddiemna qabel l-eżami ta' Mejju, 1985 se nkomplu bl-istess ħerqa u interess niktbulkom l-aħjar xogħlijiet kemm għall-Malti kif ukoll għall-Għarbi. Ngħidu aħna, minn Jannar li ġej is-Sur Alfred Zerafa se jibdielna kors mill-bidu nett għall-Għarbi biex min beda jeħel f'dan is-suġġett jista' jaqbad l-art! Li se nagħmlu minn din il-ħarġa huwa li se nnaqqsu l-paġni tar-rivista skond il-pjan li konna fassalna fil-bidu ta' sittax-il paġna u li tawwalnieh bin-nofs *kull darba* fl-ewwel tliet ħarġiet biex ngħinukom. B'kollox diġà rregalajnielkom 24 faċċata b'xejn!

Minn din ir-raba' ħarġa se nibdew nitfgħu ħarsitna fuq il-kotba tas-sillabi l-ġodda taż-żewġ Livelli tal-Malti u nisħqu wkoll fuq il-Livell ta' l-Għarbi, l-aktar fuq il-komponiment, li se jiżdied għal 100 kelma, u wkoll fuq is-silta. Ngħidu aħna, Tarċisju Zarb jikteb fuq ir-Realiżmu u l-Assurd fit-Teatru. Mario Azzopardi jistħarreġ aspett oriġinali ħafna mill-ħajja tal-poeta nazzjonali, jiġifieri l-qagħda politika. Oliver Friggieri jagħtina intervista fuq il-poeti ta' *Linji Ġodda*. George Doublesin jagħtina r-raba' studju tiegħu fuq is-Semantika, b'referenza għall-ispostament. Mario Azzopardi jħares lejn l-influwenza ta' l-ambjent ta' Ħad-Dingli fuq Francis Ebejer. U jien nibda sensiela fuq it-teknika tat-traduzzjoni, sensiela oħra fuq il-Grammatika bl-isem "Titwila lejn il-Grammatika" u nissokta b'xi suġġerimenti prattiċi oħra fuq il-komponiment ġenerali fuq it-talba ta' bosta qarrejja wara l-intervista tiegħi li kien hemm fil-ħarġa nru. 3. Għall-Għarbi rġajna ħallejna f'idejn Alfred Zerafa biex jagħtina mudell bit-tweġibiet għal silta li kiteb hu stess għal Taħriġ il-Fehem.

Mis-Sillabu

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil**

L-Editur, Mis-Sillabu,
Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
P.E.G. Building,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.



Xena minn produzzjoni tad-dramm assurdista *En Attendant Godot* ta' Samuel Beckett: fir-realtà il-ħajja hija esperjenza vojta.

## NOTI DWAR IT-TEATRU BEJN IR-REALIŻMU U L-ASSURD

**Minn TARĊISJU ŻARB**

# ĠENERI TEATRALI

Għal snin twal it-teatru melodrammatiku kien it-teatru tal-palk Malti. L-improbabbiltajiet imsieħba ma' l-esaġerazzjonijiet u r-rettorika drammatika kienu l-qafas tad-drammi Maltin. Bħala reazzjoni għal dan it-tip ta' drama bdew jinkitbu drammi ta' natura realistika taħt l-influwenza ta' kittieba bħal Ibsen, li huwa meqjus bħala missier ir-realiżmu. Dan kien ifisser bidla fl-atteġġjament lejn id-djalogar, il-karatterizzazzjoni u n-nisġa drammatika.

L-iskop ta' dan it-teatru kien li joqrob kemm jista' jkun lejn il-ħajja ta' kuljum fil-manifestazzjonijiet varji tagħha. L-udjenza kellha tiġi illuża li qiegħda tara parti mill ħajja. B'dan il mod sehem l udjenza kellu jkun kbir.

It-TEATRU huwa magħmul minn azzjoni u kliem. Mill-aspett letterarju, b'mod speċjali meta wieħed iqis lid-drama bħala ġeneru semi-letterarju l-iktar li jinteressana huwa d-djalogar, il-karatterizzazzjoni u n-*nisġa*.

Djalogar: Fit-teatru realistiku l-lingwaġġ użat joqrob ħafna lejn l-ilsien mitkellem. Filwaqt li l-istil tal-kitba huwa korrett, regolari u loġiku fil-biċċa l-kbira tiegħu, meta nkunu nitkellmu huwa differenti, jew għax daqqa nibdew sentenza mod u nispiċċawha mod ieħor, jew għax xi idea ġdida tolqotna jew inkella minħabba xi interruzzjoni. It-taħdit huwa miftuħ għal tibdiliet ta' malajr, għal moħħ li malajr idur. Ċerti ħwejjeġ jitħallew barra u jimtlew sempliċement b'xi mossa jew ġesti. Dan l-istil jitħaddem fil-kitba realistika. L-awtur iżomm ruħu oġġettiv. Huwa ma jużax il-karattri bħala l-portavuċi tiegħu. Irid li jippreżenta t-teżi tiegħu bid-djalogar tagħhom, jagħti 'silta mill-ħajja' fit-tradizzjoni ta' August Strindberg, li fl-introduzzjoni għal *Miss Julie* kiteb:

*... I have avoided the symmetrical, mathematically constructed dialogue of the type favoured in France, and have allowed their minds to work irregularly, as people's do in real life, when, in conversation, no subject is fully exhausted but one mind discovers in another cog which it has a chance to engage.*

°ikompli wara



**Tensjoni drammatika u maskri li jaħbu l-identità konfuża tal-bniedem modern.**

L-iskop ta' dan it-tip ta' djalogu huwa l-illużjoni tar-realtà – li hija s-''sine-qua-non'' tar-realiżmu. Ħafna mid-djalogar realistiku huwa temperamentali, maqtugħ, mhux mitmum, esklamattiv u fl-istess ħin psikoloġiku. It-tul tal-battuti fir-realiżmu huwa rari ħafna. Il-pawsa psikoloġika fid-drama wkoll għandha effett drammatiku tajjeb u tgħin ukoll l-iżvilupp drammatiku.

*In-Nisġa* fit-teatru realistiku titlob karatterizzazzjoni u motivazzjonijiet miġjuba b'ċerta reqqa, tema żviluppata sewwa, riproduzzjoni fidila għall-ħajja kif ukoll l-użu tat-teknika tal-klajmaks u l-antiklajmaks, kuntrasti u konflitti kif ukoll sitwazzjoni jew plott. Il-kittieb realistiku ma jmexxix l-azzjoni hu iżda jħalliha timraħ fejn trid hi. Il-kittieb realistiku jipprova jaħrab mill-''well-made play'' li hija mibnija fuq l-espożizzjoni, il-komplikazzjoni u d-''denouement''.

L-emozzjoni hi parti essenzjali fi dramm realistiku, tinħoloq gradatament bis-''suspense'' jew bis-sorpriża. Is-''suspense'' hija frott ta' antiċipazzjoni mtawla u għalhekk tinħoloq bin-nuqqas ta' ċertezza fl-udjenza dwar dak li jkollha ħrara li tkun taf.

*Karattri:* L-awtur realistiku jżomm id-distanza estetika mix-xogħol li jkun qiegħed jagħmel. Iktar milli jintrabat mal-mottivi li jikkaġunaw dak li jidher, jibqa' marbut mal-fatti esterni. Il-karattri jinsabu waħedhom, neqsin mill-kummenti u l-interpretazzjonijiet tiegħu, mhux analizzati jew spjegati sakemm ma jispjegawx lilhom infushom. Id-drama għalih, hija arti ta' karattri f'azzjoni. Il-karattri mhumiex tipi iżda individwi. *Il-kuntrasti u l-konflitti* jkomplu joħorġu l-karattri aktar b'saħħithom. Dawn ma nsibuhomx biss f'karattru wieħed iżda f'karattru kontra karattru, jew imqar grupp ta' karattri kontra grupp ieħor.

Il-karattri għandhom il-memorja. Din il-karatteristika għamel użu minnha Ibsen f'*Rosmersholm*. U tgħinna biex inkunu nistgħu nibnu l-imgħoddi tal-karattri. L-udjenza quddiem dan kollu tagħti l-interpretazzjoni tagħha.

> *An incident in real life (and this is quite a new discovery!) is usually the outcome of a whole series of deep-buried motives, but the spectator commonly settles for the one that he finds easiest to understand, or that he finds most flattering to this powers of judgement. Someone commits suicide. 'Bad business!' says the business man. Bodily illness says the invalid. 'Shattered hopes' says the man who is a failure. But it may be that the motive lays quite elsewhere, or nowhere, and that the dead man concealed his true motive by suggesting another more likely to do credit to his memory!*

It-Teatru ta' l-Assurd ma baqax jimxi fuq dawn il-kriterji. Fil-kitba tas-snin Sittin u wara kien dan it-teatru li ħalla influwenza qawwija fuq il-kittieba tagħna li nħakmu mill-influwenza ta' kittieba bħal Eugene Ionesco, Arthur Adamov, Jean Genet u kittieba avangard oħra.

Martin Esslin fil-ktieb *The Theatre of the Absurd* igħid:

> *In common usage, 'absurd' may simply mean 'ridiculous' but this is not the sense in which Camus uses the word, and in which it is used when we speak of the Theatre of the Absurd. In an essay on Kafka, Ionesco defined his understanding of the term as follows: 'Absurd is that which is devoid of purpose ... Cut off from his religious, metaphysical, and transcendental roots, man is lost; all his actions become senseless, absurd, useless.'*

Sartre u Camus urew l-assurdità tal-ħajja f'diskors magħżul u brillanti. Il-kittieba tat-teatru ta' l-Assurd għamlu dan iżda ma użawx din il-konvenzjoni qadima, iżda fi kliem ta' kuljum ippruvaw joħorġu t-taħwid ta' kuljum b'kitba ''mħawda''.

> *It is the striving for an integration between the subject-matter and the form in which it is expressed that separates the Theatre of the Absurd from the Existentialist theatre.*

Dan it-tip ta' teatru huwa teatru ta' tiftixa. L-iskop tiegħu huwa li jwassal il-bniedem biex jagħraf lilu nnifsu kif inhu tassew u mhux jaqa' fil-kompjaċenza. Dan ħafna drabi jagħmlu permezz tas-satira, il-paradoss, il-kritika soċjali, u t-turija ta' l-inawtentiċità tal-ħajja, l-assurdità tal-qagħda tal-bniedem.



**Il-qagħda misterjuża tal-bniedem fl-univers.**

L-istess bħat-traġedji Griegi u l-'mystery plays' medjevali u l-allegoriji barokki, it-teatru ta' l-Assurd irid iwasslu l-bniedem biex jara l-qagħda prekarja u misterjuża tiegħu fl-univers. Huwa t-teatru tal-bniedem li jinżel fil-qiegħ tal-personalità tiegħu, il-ħolm u l-fantasiji tiegħu. Huwa t-teatru li juri l-viżjoni individwali ta' ruħ il-kittieb.

Dan it-teatru ma jridx iwassal tagħrif jew jippreżenta problemi jew destini ta' karattri li jeżistu 'l barra mid-dinja intima tal-kittieb, ma jridx jippreżenta fatt wara l-ieħor, jew id-destin tal-avventuri tal-karattri, iżda l-qagħda individwali.

Għalhekk iktar milli teatru ta' sekwenza ta' fatti huwa teatru ta' sitwazzjoni mibni fuq immaġni konkreti iktar milli argumenti u diskors. U minħabba li huwa teatru li jippreżenta l-mod kif bniedem iħossu ma jistax ikun teatru investigattiv jew isolvi problemi ta' kondotta jew morali.

F'dan it-teatru ma nsibux karattri oġġettivi. Lanqas ma huwa teatru drammatiku mimli konflitti. Lanqas jrid igħidilna storja biex iwassal messaġġ bħalma huwa l-iskop tat-teatru epiku u narrattiv ta' Brecht. Dan nistgħu narawh minn ''Waiting for Godot'' ta' Beckett li fih jurina li fil-ħajja xejn ma jiġri fir-realtà. Hija l-immaġni ta' Beckett li turi li fl-eżistenza tagħna fil-verità ma jiġri xejn. Mhuwiex id-dramm ta' żvilupp, imma l-immaġni ta' impressjoni ta' sitwazzjoni wieqfa. Hawnhekk it-Teatru ta' l-Assurd jixbah il-poeżija Imaġista u Simbolista.



Illużjonijiet li jdaħħqu jew ibikku.

F'dan it-teatru l-lingwa ma tingħatax importanza. Hemm differenza enormi bejn il-lingwa u r-realtà bejn dak li jgħidu r-reklami fil-Punent u r-realtà, bejn dak li jingħad mill-ħakkiema tal-pajjiżi totalitarji u r-realtà.

Wittgenstein qal li l-filosfu jeħtieġ li

> *to disentangle thought from the conventions and rules of grammar, which have been mistaken for the rules of logic.*

Minħabba f'hekk il-lingwa fit-Teatru ta' l-Assurd tinħass bħala xi ħaġa li m'għadhiex tajba biex taqdi l-funzjoni li suppost għandha. Il-lingwa hija meqjusa bħala xi ħaġa li taħbi l-espressjoni awtentika ta' dak li jħoss il-bniedem, minflok li toħroġ din l-espressjoni awtentika.

It-Teatru ta' l-Assurd joffri lill-udjenza kritika tas-soċjetà b'mod grottesk biex juri kif id-dinja tagħna ġġennet. Dan iwassal biex l-udjenza tidentifika ruħha mal-karattri u ssir kritika tagħha nnifisha.

Ir-realtà li jrid jurina t-Teatru ta' l-Assurd hija r-realtà psikoloġika espressa b'immaġni li huma t-turija minn barra tal-qagħdiet mentali, tal-beżgħat, tal-ħolm, tal-konflitti fil-personalità ta' l-awtur. It-tensjoni drammatika li nsibu f'dawn it-tipi ta' drammi hija differenti mis-"suspense" li nsibu fit-teatru tradizzjonali. It-tifsila ta' l-espożizzjoni, il-konflitti u s-soluzzjoni finali tat-teatru tradizzjonali turina li s-soluzzjonijiet huma possibbli. Għal kuntrarju, it-Teatru ta' l-Assurd għandu struttura ċirkulari, billi jispiċċa eżatt bħalma beda; drammi oħra jagħmlu progress fis-sens li s-sitwazzjoni inizzjali tintensifika ruħha. Minflok soluzzjoni, moħħ l-udjenza ħa jibda jistaqsi.

Il-qawwa ta' dan it-teatru fuq l-udjenza tiddependi minn kemm l-emozzjoni hija tassew profonda f'ruħ il-kittieb, jew inkella meta turi fil-verità ossessjonijiet veri, ħolm, immaġni validi fis-subkonxju ta' l-awtur

> *For all its freedom of invention and spontaneity, the Theatre of the Absurd is concerned with communicating an experience of being, and in doing so it is trying to be uncompromisingly honest and fearless in exposing the reality of the human condition.*

Huwa t-teatru ta' l-esplorazzjoni tar-realtà intima iktar milli l-esplorazzjoni tar-realtà oġġettiva ta' barra. Xi ngħidu dwar tpinġija ta' fjura tax-xemx ta' Van Gogh u fjura tax-xemx fi ktieb tal-botanija? Fil-pittura ta' Van Gogh hemm iktar verità mill-illustrazzjoni xjentifika, anki jekk fil-pittura ta' Van Gogh il-fjura tax-xemx għandha numri ta' petali ħżiena.

It-Teatru ta' l-Assurd ma jaqbilx mat-teatru realistiku, lanqas mat-teatru b'orjentament politiku jew ideoloġiku. Dan it-teatru huwa apolitiku u anti-ideoloġiku.

It-Teatru ta' l-Assurd jesprimi l-ansjetà u d-disprament li joħorġu mill-fatt li l-bniedem huwa mdawwar minn dlam li ma jistax jiġi ppenetrat, li qatt ma jista' jkun jaf il-vera natura tiegħu u l-iskop tiegħu.

Il-fenomenu ta' dan it-teatru ma jirriflettix id-disprament tal-bniedem iżda l-isforz tal-bniedem biex jifhem id-dinja ta' madwaru. Ineħħi ħafna mill-illużjonijiet li jistgħu jwasslu għad-diżappunti. Fid-dinja ta' żmienna hawn ħafna sodisfazzjonijiet materjali u ta' divertiment tal massa u psewdo-spejgazzjonijiet tar-realtà. Dan it-teatru ma jaċċettax dawn l-illużjonijiet. Id-dinjità tal-bniedem tinħass fil-ħila tiegħu li jiffaċċja r-realtà fin-nuqqas ta' sens li fiha, mingħajr biża' u illużjonijiet u fl-istess ħin nidħku meta narawha. Din hija l-kawża li għaliha huma ddedikati dawn il-kittieba.

Dawn il-kittieba ħarġu fl-erbgħinijiet u l-ħamsinijiet. F'nofs is-sittinijiet bdew imajnaw. F'Malta min-naħa l-oħra bdiet dieħla l-influwenza tagħhom b'kitbiet ta' Francis Ebejer, Alfred Sant, Oreste Calleja u Doreen Micallef.

**It-Teatru Realista jista' jitnebbah minn sitwazzjonijiet politiċi jew soċjali li jieħdu mottivi umani moħbija jew midfuna.**





Disinn ta' Luciano Micallef.

# DUN KARM

## SFOND GĦALL-QAGĦDA POLITIKA

Minn MARIO AZZOPARDI

DUN KARM PSAILA (1871 – 1961) għex fl-eqqel tal-kontroversja mtawla bejn l-Anglofili u l-Pro-Taljani, fi żmien meta mexxej bħal G. Strickland (1861 – 1940), kattoliku prattikanti, ġibed fuqu l-kundanna bħala "mażun" minħabba l-attitudni tiegħu kontra l-kleru.

L-Italjanità tal-Mizzjani, assoċjata mal-fehmiet ta' saċerdoti politikanti li ta' spiss irrappreżentaw l-istess imġiba tal-Vatikan, saret simbolu kumpless ta' patrijottiżmu li nħakem mid-diwi tar-Risorġiment.[1] Fi żmien Psaila wkoll kien hemm l-aġitazzjoni biex il-Gvern Imperjali Ingliż iqalleb il-metodi ta' l-istruzzjoni fil-gżira billi jneħħi lill-kleru Taljan mill-Università ta' Malta u jibdel il-Ġiżwiti li waslu mill-peniżola ma' oħrajn Ingliżi. Dun Karm saċerdot sata' kien mgħarraf ukoll bil-pressjoni pubblika, imqanqla mill-Vatikan, li bdiet issir fuq Benito Mussolini biex jintervjeni f'Malta f'isem l-interessi ta' l-Italja, xi ħaġa li d-Duċe ma riedx jissogra kif ġieb u laħaq biex ma jiksirx ir-relazzjonijiet tiegħu mal-Gran Brittanja:

> *"As both Italian and Catholic interests were involved in the Maltese crisis, the Vatican, becoming directly involved in the dispute after the conclusion of the Lateran Agreements, hoped that Mussolini would demonstrate his new loyalty to the Catholic cause."*[2]

L-istinkar taż-żewġ partiti politiċi ewlenin f'Malta, immexxijin minn Fortunato Mizzi (1844 – 1905) u Siġismondo Savona (1837 – 1908), li t-tnejn, b'modi rispettivi, riedu jeddijiet kostituzzjonali ġodda, tħawwad u tqalleb mal-kwistjoni ta' l-identità lingwistika u kulturali ta' Malta; minn dawn l-interferenzi kontinwi, gawda l-Gvern Ingliż għaliex sata' jimxi mat-test klassiku *divide et regnam* sakemm it-Tieni Gwerra Dinjija għamlitha ħaġa ċara lejn fejn kellu jxaqleb id-destin tal-poplu. Mizzi dejjem sostna li l-lingwa Maltija kienet tinteressa biss lil ftit xjenzati lingwistiċi iżda ma kinitx lingwa li tixraq lill-Maltin, bħat-Taljan. Savona kien interpella li l-Maltin għandhom iqisu li lsienhom kien il-barka li ntirtet mingħand l-antenati u għaldaqstant kellu jkun ikkonsagrat, bl-Ingliż jingħata preċedenza fl-edukazzjoni biex bis-saħħa tiegħu f'Malta jiddaħħlu fehmiet liberali biex titħaffef it-triq li permezz tagħha Malta setgħet taħtar gvern popolari.

L-Uffiċċju Kolonjali, kmieni sa mill-1878, beda jkejjel x'sata' jirbaħ mill-kwistjoni lingwo-kulturali u bagħat f'Malta lill-Kummissjoni mmexxija minn Sir Patrick Keenan[3] li ssuġġerixxa t-tagħlim ta' l-Ingliż permezz tal-lingwa tal-post, u li l-Malti kellu jissaffa u, minħabba l-qrubija tiegħu ma' ilsna semitiċi, kellu jissaħħaħ billi jinbeda t-tagħlim tiegħu f'Malta wkoll. Il-Kummissjoni ta' Keenan aċċertat li tkompli tiffermenta l-kwistjoni billi kkummentat li l-użu tat-Taljan f'Malta kien marbut mar-rieda ta' grupp ta' politikanti li kienu qegħdin jużawh bħala strument biex igħaqqdu lill-gżira mal-peniżola Taljana.

### ESPLOJTAZZJONI

Psaila għex ukoll iż-żminijiet tal-*Giovine Malta*, il-każin privileġġat li kien sar in-niċċa romantika ta' l-intellettwali u kittieba Maltin bit-Taljan li kienu jwiegħdu li joffru lilhom infushom bħala vittmi għall-patrija jekk tinqala' l-ħtieġa u li kienu lesti jagħmlu minn kollox biex irewħu l-kult tar-reliġjon u l-patrija, sinonimi ta' xulxin. Ix-xirka, imwaqqfa fl-1901 bħala xbiha idealizzata ta' l-aspirazzjonijiet Mazzinjani, intrabtet mat-teżi annessatriċi ta' l-eżiljati Taljani f'Malta u sabet xorti minn alleanzi oħra bħas *Società Dante Alighieri*, organizzazzjoni qawwija fl-Italja bl-għan li x-xerred it-twemmin tan-nazzjonaliżmu Taljan.[4] Il-fehmiet nazzjonalistiċi ta' *La Giovine Malta*, imħabbrin ta' spiss f'diskorsi pubbliċi u fil-ġurnali Mizzjani komplew urew il-bixra patoloġika ta' diversi mexxejja Maltin favur l-Italja.[5]

Mill-banda l-oħra kien hemm il-kondizzjonijiet miżeri tal-mases tal-ħaddiema, riżultat ta' l-esplojtazzjoni

diretta tal-proletarjat mill-Gvern Imperjali, mill-Knisja ġerarkika u l-klassijiet l-għonja. Il-ħobż u l-għaġin kienu d-dieta stabbli tal-ħaddiem il-fqir, ikel li fuqu kien hemm it-taxxa iebsa tad-dqiq, mgħollija sa 35% sal-1911.[6] Sa dik is-sena wkoll, il-popolazzjoni kienet diġà żdiedet għal 211,546, minkejja emigrazzjoni qawwija lejn l-Afrika ta' Fuq, il-Greċja u t-Turkija,[7] u minbarra l-ħafna Maltin li ppruvaw jemigraw lejn l-Amerika u treġġgħu lura x'imkien ieħor minħabba mard infettiv, nuqqas ta' flus f'idejhom u nuqqas ta' 'parrini' li joffrulhom xi forma ta' akkomodazzjoni.[8] Sal-1921, ir-rata ta' mwiet fit-tfal kienet waslet għal 29% f'Malta u 31% f'Għawdex, bi rħula bħas-Siġġiewi u Ħal Luqa jirreġistraw figura ta' 41%. Malli qaleb is-seklu 20, fl-Università ta' Malta kien hemm jistudjaw biss 86 ruħ, ilkoll irġiel, u skond l-aħħar statistiċi mis-seklu ta' qabel, 80% ta' l-irġiel u 85% tan-nisa lokali kienu illitterati.[9] Fil-bidu tas-seklu tħaffet l-emigrazzjoni tal-Maltin lejn il-British Columbia u diversi Maltin reġgħu kienu mblukkati mill-awtoritajiet ta' l-emigrazzjoni tal-post minħabba li nstabu morda.[10] Fl-1912 dehret korrispondenza fid-*Daily Malta Chronicle*[11] li wriet li l-Awtraljani kienu rreaġixxew negattivament għall-injoranza u l-ħefa tal-Maltin f'Sydney:

*... The Australians are classing the Maltese with coloured people. This can be read in the newspapers and no Australian or Englishman will work with them. We are beginning to feel ashamed of ourselves on this account. In Sydney the Maltese are utterly cold-shouldered and soon it will be the same in Tasmania. A few days ago ... the Unions held a meeting in camera not to allow the Maltese join the Union ... I do not say the fault lies with our men; they are neither murderers nor thieves. The only fault is that they cannot speak English and are ignorant people. They go about in herds of thirty or forty people, with someone who can speak for them.*[12]

Il-problema ta' l-emigranti fl-Awstralja twessgħet saħansitra s'hawn Malta, fejn beda jingħad li l-Awtoritajiet Statali fl-Awstralja kellhom moħħhom fil-Maltin, biex jaraw jistgħux jingaġġawhom b'"cheap labour" biex b'hekk setgħu jissostitwixxu lill-ħaddiema Kanakas. Il-*Gazzetta di Malta*[13] ħolqot offensiva immedjata, u akkużat lill-Istat Awstraljan li kien qed juża lill-Maltin biex jeħles mir-residwi negri li kien għad fadlilha l-Awstralja; skond l-akkuża tal-filo-Taljani, nies bħal Strickland kienu qegħdin fi ftehim mal-Ingilterra biex tinfetaħ dejjem aktar l-emigrazzjoni minn Malta, mhux għax Strickland u sħabu kienu jħobbu lill-Maltin, iżda biex jiġu ingaġġati bħala suldati biex l-Awstralja tiddefendi ruħha kontra l-penetrazzjoni Asjatika.[14]

Kienu l-oligarkiji tal-kleru, il-professjonisti u n-negozjanti li orkestraw ma' l-Ingliżi biex il-poplu jitħalla fl-injoranza; meta deher Manwel Dimech (1860–1921) jeżorċita lill-poplu biex jirvella u jitlob il-jeddijiet tiegħu, il-Kurja skumnikatu u l-imperjalisti eżiljawh. Fl-1919 il-folol inħakmu minn istint kollettiv u rvellaw spontanjament fis-7 ta' Ġunju, data li ħalliet erba' mejtin u li aċċertat illi l-proprjetarji li ġarrbu xi ħsarat fil-bini, fl-irkaptijiet u l-proviżjon kellhom jingħataw rikompens mill-Fondi Maltin, skond il-parir uffiċċjali tas-Segretarju tal-Kolonji.[15]

FL-1921, DUN KARM KITEB POEŻIJA li tfakkar l-għoti ta' Kostituzzjoni Dijarkika lil Malta,[16] episodju li t-tifsira tiegħu timmarka pass lejn ammont ta' awtonomija fil-gżira, iżda li xorta waħda jibqa' karatterizzat minn: (i) klassiżmu li



**Sigismondo Savona (1837 – 1908)**



**Dr. Fortunato Mizzi (1844 – 1905)**



**Lord G. Strickland (1861 – 1940)**

jaħdem kontra l-ħaddiema filwaqt li jipprivileġġa lin-nobbiltà, lill-professjonisti u lin-negozjanti; (ii) limitazzjoni tal-jedd għall-vot lill-klassijiet preferuti li kellhom dħul finanzjarju stabbilit, minbarra pluralità fil-voti għall-benestanti li kellhom il-proprjetà f'lokalitajiet differenti ta' Malta; (iii) restrizzjonijiet totali fuq materji navali, militari u aeri, u wkoll dwar dawk it-territorji kollha f'Malta okkupati mill-Qawwiet Ingliżi; (iv) ċensura unilaterali mill-Gvern Imperjali fuq il-posta u t-telegrafu għal Malta u lura.

Qabel l-elezzjonijiet għal-Leġislatura tal-1927 in-Nazzjonalisti kienu qegħdin jitolbu l-protezzjoni ta' l-*istatus quo* (permezz ta' *self-government* li jissostitwixxi d-Dijarkija tal-1921) filwaqt li l-Partit Kostituzzjonali ta' Strickland ried jissokta bl-integrazzjoni soċjo-ekonimika ta' Malta ma' l-Ingilterra, proposta li kkunsidraha wkoll D. Mintoff (1916– ) fis-snin Ħamsin. Il-kwistjoni tal-lingwa kienet fl-eqqel tagħha u Strickland kien qed jiffavorixxi kredenzjali uffiċċjali għall-ilsien Malti biex jaċċerta n-newtralizzazzjoni politika ta' l-Italjanità, tradizzjoni li kienet ilha tissaħħaħ minn meta Fortunato Mizzi nħatar bħala wieħed mir-rappreżentanti popolari fil-Kunsill tal-Gvern fl-1880.

## BEJN IL-FAXXIŻMU U L-IMPERJALIŻMU

Bħala bniedem infurmat Dun Karm sata' fehem illi l-qagħda politika f'Malta kienet waħda delikata, iżda għal dawk li jistgħu jitqiesu raġunijiet ta' moderazzjoni mill-apoloġisti tiegħu, xtaq illi ma jkunx "jifhem" fil-politika lokali.[17] Il-pożizzjoni evidenti li ħa Dun Karm fil-konfront tal-polaritajiet konfliġġenti li sostnew lill-Italja ta' l-epoka faxxista min-naħa u l-imperjaliżmu esplojtattiv min-naħa l-oħra kienet waħda irtirata u konxja tal-ħtieġa tal-qies; l-opra kollettiva


Benito Mussolini


**Skrittura imperjalista fuq il bini li qabel kien magħruf bħala l-*Main Guard*, f'Misraħ il-Palazz, il-Belt Valletta.**

tiegħu f'sens soċjo-politiku u pubbliku aktarx illi għad tqanqal interess f'dak li ma xandritx,[18] għallinqas daqskemm laħqet xandret. Ma jidhirx li l-kuxjenza artistika tiegħu kienet preokkupata mill-evoluzzjoni mentali u materjali tal-kotra, iżda minn mottivi platoniċi fit-tradizzjoni klassikeġġanti li jistabbilixxu l-att folkloristiku u arrettristiku sostnut minn xi nebħa divina. Dik li *prima facie* tista' tidher bħala bijografija nazzjonali fi Psaila tista' tkun, essenzjalment, impressjoni ritrattistika li ma tipprofondixxix (la psikoloġikament u lanqas djallettikament) il-ħsieb li jressaq l-arti lejn riflessjoni kontemporanja, ħlief biex tesprimi attitudni ta' rassenjazzjoni għad-disinn providenzjali.[19]

L-istorja tan-nazzjon f'Dun Karm, maqbuda f'diversi kontradizzjonijiet storiċi, donnha li titnikker quddiem l-appell li kien meħtieġ fi żmienu biex il-poplu jinfatam mill-kumplessi tiegħu ta' apatija, serviliżmu u inferjorità.[20] Minflok, l-immedjatezza rżina ta' l-ambjent raħli u pajsaġġistiku għandha l-ħila tirromantiċizza l-aljenazzjoni popolari b'ħeffa lingwistika straordinarja li, fiċ ċirkustanzi, ċertament li ssiġillat dak li l-poeta kkontribwixxa fedelment lejn l-identità tan-nazzjon. Hija l-konverżjoni lingwistika ta' Dun Karm (li sal-1912 kien għadu jikteb bit-Taljan) li tressqu l-aktar lejn il-ħsieb nazzjonalistiku, imqar jekk wieħed irid jiddistingwi bejn il-poeżija popolarizzata ta' Psaila fl-innijiet devozzjonali u xogħol bit-ton sofistikat, mimli b'diwi skolastiku u akkademiku Latin[21] li qatt ma sata' jkun aċċessibbli ħlief għal taqsima żgħira ta' nies b'formazzjoni edukattiva li riedu jsibulha devjazzjonijiet ta' fejda, anki personali.

ID-DUWALIŻMU BEJN IL-POETA pubbliku u l-poeta privat f'Dun Karm għad irid ikun mistħarreġ bir-reqqa u mingħajr preġudizzju; huwa permezz ta' dan l-eżerċizzju li l-analiżi tal-kompożizzjonijiet tiegħu trid tibda twettaq il-ġudizzju dwar sa fejn kien jippermetti n-nevrożi artistika tiegħu tippronunzja ruħha u, jekk kien iliġġimha, x'setgħu kienu l-konsegwenzi li beżżgħuh u żammewh lura. Xejriet ta' kritika reċenti jistgħu jibdew jagħtu riżultati ta' devjazzjoni artistika oħra, dik tar-ripressjoni li ssikket minħabba d-dettatura tal-liġi ta' l-inibizzjoni. Jeżistu fi Psaila ħjilijiet ċari ta' dak li fil-kritika psikalinitika[22] jista' jissejjaħ gratifikazzjoni sostituwittiva, il-proezzjoni grandjuża u epika bħala eżerċizzju ta' awtodifiża. Hemm ħafna x'juri mqar mill-ħajja privata tiegħu li Psaila impona fuqu nnifsu reġimentazzjoni straordinarja, li setgħet kienet imnissla mill-vokazzjoni dubbjuża tiegħu dwar is-saċerdozju[23] u li setgħet ħadmet imbagħad biex tqarrbu lejn forma ta' sensibbiltà li sabet wisa' biss f'perjodi ta' għeja nervuża.[24]

## KORRISPONDENZA PRIVATA

Wieħed irid jikkunsidra wkoll il-korrispondenza privata tal-poeta (cfr. Cardona) blex Jlfhem Il Psalla kkultlva ta' spiss ħsibijiet li ried (jew għallinqas xtaq) iżomm lura mill-ostensibbiltà kwotidjana. In-nozzjonijiet tal-poeta jirriflettu ambivalenza kurjuża li mbagħad tidwi fit-tonalità ċelebrattiva, alternata ma' passaġġi ta' riflessjoni dwar l-inattività mentali tal-ħaddiem[25] jew mat-tbikkim solitarju[26] tal-poeta

• ikompli f'paġna 83

# IT-TRADUZZJONI (1)



L-Aħbar Internazzjonali mwassla lilna permezz tal-mezzi tax-xandir qed toħloq interferenzi lingwistiċi spissi.

Il-bżonn tat-traduzzjoni ilu s-snin twal li laqat lill-bniedem. Sa fl-Imperu tal-Babilonja nsibuha fl-aqwa tagħha. Imma qatt daqs illum ma hi ħierġa daqshekk traduzzjoni xjentifika u teknika.

F'din is-sensiela beħsiebni nħares lejn il-proċessi ewlenin fit-traduzzjoni, bid-diffikultajiet u l-problemi li jġibu magħhom u bl-aħjar soluzzjonijiet għalihom.

It-traduzzjoni tiddependi fuq żewġ lingwi. U kull lingwa magħmula minn sistema ta' simboli jew egħliem. Dawn is-simboli għandhom funzjoni soċjali u konvenzjonali. Xi darba kien hemm xi ħadd hawn Malta li "ġurdien iswed" sejjaħlu *far*, imma bejn wieħed u ieħor, dawn l-istess ħsejjes, jew *fonemi*, ifissru "'il bogħod" bl-Ingliż. Dan juri kemm it-traduzzjoni trid tirrispetta ż-żewġ sistemi, bir-regoli individwali tagħhom. It-traduttur irid jirrispetta ż-żewġ sistemi u jaqleb minn sistema ta' waħda għas-sistema ta' l-oħra.

L-elementi tal-lingwa mingħalina li huma l-kliem biss. Imma t-traduttur ma jistax jieqaf s'hawn. Xi kliem jissuġġerixxi idea ċara, bħal *tifel, ħmar, gandott*. Imma mur ħu stampa ċara għall-kliem bħal *sħana, tjubija, kburija*! Terġa', il-kelma *ħmar* tfisser "estru, sfiċċa" fil-frażi *ibati b'tal-ħmar*, u għandha tifsiriet oħra fi frażijiet magħrufa.

Xi kliem joqrob imbagħad fit-tifsira lejn xi kliem ieħor. Ngħidu aħna, *dehxa, qatgħa, ħasda* huma sinonimi ta' xulxin; imma fihom differenza daqstant ieħor u jingħażlu minn xulxin għax *dehxa* neħduha b'doċċa jew xokk, *qatgħa* meta nitħawdu bil-ħoss, bl-egħmil, b'xi aħbar ħażina, u *ħasda* meta nieħdu qatgħa għal għarrieda minn ġewwa.

Kliem li jgħaddi minn lingwa għal oħra jista' jibdel it-tifsira tiegħu, u jinħoloq il-proċess tas-Semantika.[1] It-traduttur, li jkun jaf jew ma jafx iż-żewġ lingwi, xorta jrid jirrispettahom. Ngħidu aħna, il-kelma bl-Għarbi جبل، bil-Malti "muntanja" ma tistax tinqaleb **ġebel*[2] għax il-valur ta' din il-kelma fis-sistema lingwistika tal-Malti huwa differenti mill-valur tagħha fis-sistema lingwistika ta' l-Għarbi. Wisq aktar irid jirrispetta t-tifsiliet sintattiċi (eż. tas-sentenza) mil-lingwa li qed jaqleb minnha, jew *mil-lingwa ras il-għajn* (bl-Ingliż *source language*) għal-lingwa li qed jaqleb fiha, jew *il-lingwa target* (bl-Ingliż *target language*). Hawn tidħol il-grammatika li tfisser bir-reqqa kollha n-natura taż-żewġ sistemi. Biha nistgħu nfissru, ngħidu aħna, l għala s-sentenza *I go* tinqaleb *(Jiena)* ***i**mmur* u mhux **(Jiena)* ***i**nmur*, għalkemm *I play, write, walk, stay* jinqalbu *(Jiena)* ***n**ilgħab,* ***n**ikteb,* ***n**imxi,* ***n**oqgħoq*. L-istess l-għala *a new pen* nittraduċuha *pinna ġdida* u mhux **ġdida pinna*.

Għalhekk, it-traduzzjoni tfisser it-trasferiment tat-tifsir. Il-kliem huwa l-veikolu tal-komunikazzjoni u jesprimi l-ideat. Fit-traduzzjoni t-traduttur jiġi wiċċ imb'wiċċ mhux biss mal-fatturi lingwistiċi imma wkoll ma' fatturi oħra extra-lingwistiċi bħall-kultura, ir-reliġjon, ix-xjenza, il-politika u l-kompjuter. Ix-xjenza tal-lingwistika tibqa' l-qofol ta' kollox. Tgħinna biex ma naqgħux fit-tliet żbalji li ġejjin:

1. *l-Ambigwità*: din isseħħ meta t-traduzzjoni tkun vaga għax jintużaw frażijiet u kelmiet b'aktar minn tifsira waħda, jew kif igħidulha l-lingwisti l-fenomenu tal-polisemija.[3] Il-forma tipografika tal-kelma li toħloq il-polisemija ngħidulha l-*omografija* li tingħażel mill-omonimija għax filwaqt li din tfisser kelma *mitkellma* b'aktar minn tifsira waħda, l-oħra turi l-forma *miktuba* b'aktar minn tifsira waħda. Hemm omografija fi kliem bħal *ħajt* (bl-Ingliż, 'wall', "thread'), *għadd* (bl-Ingliż, 'he counted', 'number'), *book* (bil-Malti, 'ktieb', 'ibbukkja') u *lead* (bil-Malti, 'tmexxija', 'mexxa', 'ċomb', 'ċinga ta' kelb', 'ħjiel').

2. *is-Sinonimija*: din isseħħ meta kelmtejn jew aktar ikollhom l-istess tifsira.[4] L-ideal huwa li għal kull kelma jkun hemm tifsira waħda, imma dan qajla għadu nkiseb. Fost l-eżempji tas-sinonimija ta' min isemmi:

a. temtem, laqlaq;
b. ġibed, kaxkar, rampel;
ċ. legleg, xorob, niżżel;
d. keffen, geżwer, qartas, kebbeb;
e. waħwaħ, għajjat, karab, beka, newwaħ;
f. ferra', mela, sawwab;
ġ. fela, għarbel, qalleb;
g. nieda, ħabbar, xandar;
ħ. iġġieled, tħabat, issielet;
h. storbju, frattarija, għagħa.

3. *l-Interferenza*: din isseħħ meta fil-lingwa target jitħallew strutturi li jkunu tipiċi tal-lingwa ras il-għajn. Fil-Malti nħobbu ngħiduha: "Ħalliha (il-kelma) kif inhi fl-Ingliż". Fil-biċċa l-kbira dan li nifhmu meta ngħidu "traduzzjoni ħażina" u fi Isienna jinħass ħafna minħabba s-self kbir li għamilna, u li għadna nagħmlu, mit-Taljan u mill-Ingliż. Ngħidu aħna:

a. *to go out on strike*, **ħareġ fuq strajk* flok *għamel strajk, ħareġ bi strajk, strajkja*
b. *by virtue of*, **bil-virtu ta'* flok *bis-saħħa ta'*
ċ. *found herself back at the bottom rung of the constitutional ladder*, **sabet lilha nfisha fl-iskaluna ta' isfel tas-sellum kostituzzjonali* flok *wasal fil-qiegħ nett ta' l-iżvilupp kostituzzjonali*

Żbalji bħal dawn jixhdu li t-traduttur jew ma jafx il-lingwa jew ma jifhem xejn fuq is-suġġett tas-silta għat-traduzzjoni.

## NOTI

1. Fuq is-Semantika, ara s-sensiela ta' George Doublesin f'din ir-rivista, pp. 18, 41, 64, u 82 u l-artikli li baqa' joħorġu fil-ħarġiet li jmiss.
2. Din il-kewkba jew asteriska turi li l-kelma jew ma teżistix jew it-tifsira tagħha teżisti biss fit-teorija.
3. Ara, *Mis-Sillabu*, Vol. 1, Nru. 1, p. 18.
4. *Ibid.*

**ĠORĠ MIFSUD**

# NINTERVISTAW LIL OLIVER FRIGGIERI DWAR

# LINJI ĠODDA



L-Inkwina taż-żmien. Disinn ta' Augusto Cardinale (1984)

**• Minn għadd ta' mottivi mtennija sikwit *f'Linji Ġodda* jidher li l-poeti tas-snin sittin jixtiequ jgħixu ħajjithom 'il barra mis-sistema (soċjali, politika u mqar reliġjuża). Mnejn taħseb li tnissel dan il fenomenu fil poeżija ġdida ta' Malta?**

B'poeti tas-snin sittin, qabel xejn, wieħed irid jifhem l-aħjar rappreżentanti tal-poeżija Maltija li twieldu letterarjament għoxrin sena ilu iżda li laħqu xi għamla ta' maturazzjoni fis-snin sebgħin u tmenin. Ir-rabta tagħhom mas-snin sittin hi biss ir-rabta tagħhom mal-bidu storiku, ma' l-imgħoddi immedjat tal-letteratura Maltija, jiġifieri mal-punt tat-tluq fejn hemm il-polemika, it-tnissil ta' kuxjenza ġdida, u l-ewwel sforzi sperimentali biex tinkiteb poeżija differenti (u b'*differenti* nifhem nirreferi għall-istorja letterarja lokali). Fi kliem ieħor, biex dan il-grupp jikseb is-siwi tiegħu fuq il-livell tal-kritika, irid jinstab fih dak kollu li joħroġ lill-poeti mill-egħluq tal-perijodu, mill-periklu kbir ta' l-estemporaneità, u jagħtihom fejda wisq usa', anzi universali, bla ebda rabta ma' meta, kif, għaliex u fejn kitbu. Din m'hix kwalifika ħafifa, u għalhekk f'dan il-moviment il-poeżija vera aktarx tinstab iżjed tard, fiż-żmien tal-kalma psikoloġika u ta' l-ekwilibriju formali.

Is-siwi poetiku anqas ma jista' jinstab fil-fenomenu msemmi bħala tali, fih innifsu. M'hemm xejn essenzjalment poetiku f'din jew f'dik l-imġiba. Il-polemika kontra s-sistema soċjali, politika u reliġjuża m'hix poeżija, u l-aħjar mezz biex tħalli effett żgur mhux il-ħolqien tal-versi fuq karta. Terġa', jekk hawn se niżvolġu stħarriġ letterarju, irridu nsibu kif din il-polemika tbiddlet f'poeżija. Hawn jidħlu l-elementi meħtieġa kollha: il-metafori ġodda, il-metafori qodma mġeddin, il-frażeoloġija, il-vokabularju, ir-ritmi, it-tonalitajiet, ix-xejriet sintattiċi, u l-bqija, ilkoll mezzi poetiċi li jesprimu, fost l-oħrajn, dan il-fenomenu.

Waqt li s-siwi estetiku jinstab fl-istħarriġ tat-test bħala xi *ħaġa* awtonoma u sħiħa fiha nnifisha, ix-xejriet tat-test għandhom l-istorja tagħhom 'il barra minnu wkoll. Huma mnisslin minn ambjent, qagħda spiritwali, kulturali u l-bqija. Fil-każ ta' din il-mistoqsija, trid tissemma l-istorja letterarja, soċjali, politika u reliġjuża ta' Malta li mbagħad wasslet biex inkitbet poeżija tradizzjonali li hi l-prodott ta' dawn il-kundizzjonijiet. Il-poeżija ta' llum meta, rarament, hi tajba, tiftiehem fid-differenza tagħha jekk jiftiehem l-imgħoddi; hi differenza li fiha l-oriġinalità daqskemm il-punti tradizzjonali li nisslu xi ħaġa relattivament ġdida. Il-poeżija hi differenti minn ta' qabilha daqskemm hi marbuta ma' l-imgħoddi. Dan hu t-twettiq tal-prinċipju tal-kontinwità storika li tinstab anki bejn waqtiet li jidhru kontra xulxin (u ma jkunux għal kollox). Il-kontinwità, naturalment, hi liġi ewlenija tan-natura nnifisha, u l-esperjenza letterarja m'hix ħlief kategorija sekondarja fi ħdan il-mudell tan-natura.

L-istorja kollha taċ-ċiviltà sseddaq dan minnufih, u fil-qasam ta' l-istudju dan il-prinċipju spiċċa biex tbiddel f'orjentament xjentifiku fih innifsu. Kull ktieb ta' storja ta' epoki differenti kbar hu xhieda ta' kontinwità mimlija kuntrasti, kontinwazzjonijiet u żviluppi. Għalhekk ukoll apprezzament xieraq ta' moviment jitlob l-għarfien tal-moviment ta' qablu. Fil-każ Malti r-riżultat hu aktar ċar minħabba raġunijiet ovvji: Malta hi art mill-iċken, it-tradizzjoni letterarja bil-Malti m'hix twila wisq, u l-moviment hu żgħir ħafna wkoll. Dan ma jfissirx li l-istħarriġ kompetenti hu ħaġa ħafifa.

Il-bidla politika u soċjali li bdiet isseħħ minn wara l-gwerra 'l hawn sa żmienna fi proċess wieħed sabet l-espressjoni tagħha fil-poeżija wkoll. Anki l-poeżija hi sikwit il-ħabbara ta' xejriet storiċi li mbagħad jieħdu ż-żmien biex iseħħu fuq livelli oħrajn. L-aħjar poeti moderni fehmu li pajjiż li beda jitbiddel kien jeħtieġ l-espressjoni tal-kuxjenza ġdida; ir-rabta bejn is-soċjetà u l-letteratura, xejra mill-eqdem u mill-aktar naturali, ħadet is-sura ta' rabta bejn il-ħaġa u l-kuxjenza tal-ħaġa. Il-poeti ta' qabel interpretaw il-kuxjenza ta' żmienhom; id-differenza bejn iż-żewġ kuxjenzi (insemmi *żewġ* kuxjenzi biex ma nsemmix l-isfumaturi perjodiċi li jistgħu jissemmew f'diskors ieħor) m'hix ħaġa letterarja, iżda tiżviluppa ruħha b'mod parallel fuq il-livell letterarju. Għalhekk ukoll storja politika-soċjali u storja letterarja jimxu flimkien, għad li m'humiex l-istess u jitolbu kompetenzi differenti ħafna biex ikunu mistħarrġa, għax huma sostanzjalment differenti. Il-fenomenu tal-poeżija ġdida jiftiehem fid-dawl tal-bidla fl-ambjent lokali, kif ukoll fid-dawl tal-mixja letterarja ta' ġnus oħra li kienu ilhom iterrqu bil-ħeffa f'oqsma ta' kitba differenti. Din il-bidla (li fl-istorja ta' l-arti m'hi qatt għall-aħjar jew għall-agħar, iżda għal xi ħaġa differenti), tiftiehem skond ambjent Malti ġdid u skond kuxjenza letterarja modernizzata.

**• Huwa prudenti li tgħid li diversi poeti kontemporanji wrew bixriet ta' stmerrija lejn Malta? Inti darba ktibt li ''f'Malta jkollok tigdeb biex tgħix; ma tistax tgħix il-verità għax tinqered.'' Hemm relazzjoni bejn dan li ktibt u l-istmerrija ''nazzjonali'' li wrew uħud mill-poeti l-ġodda?**

Dan l-aspett jiftiehem f'kuntrast mal-fiduċja u ma' l-ottimiżmu storiku tal-kittieba ta' qabel, u fid-dawl taċ-ċaqliqiet li għamlet il-kuxjenza letterarja Maltija, mis-snin sittin 'il hawn, meta qieset li t-tema ''nazzjonali'', patrijottika issa kienet inħliet (għax għadda żmienha u għax laħqet sabet żviluppi maturi fil-poeżija ta' qabel) u kellu jinkiseb sens ġdid tal-Malti bħala bniedem, ċittadin tad-dinja. Iż-żewġ sensi – nazzjonali u kosmopolitiku – huma kontra xulxin, marbutin ma' xulxin u wara xulxin; id-diversità u l-kontinwità, kif għedt qabel, isibu s-sintesi bis-saħħa ta' l-istudju tal-fenomenu kollu.

Jien ktibt il-kliem li inti kkwotajt u nemmen hekk tassew; l-ispunt tar-relazzjoni bejn il-gidba u l-verità f'Malta hu wieħed mill-aspetti taż-żewġ rumanzi tiegħi *Il-Gidba* (1977) u *L-Istramb* (1980). Iżda anki l-letteratura ta' Malta ta' żmien ilu xandret dan il-mottiv, imqar jekk bħala spunt imġenneb. Il-poeta Malti Dun Luiġi Rigord (1739 – 1824) jagħti din id-definizzjoni tal-pajjiż:

*Chi vuol sapere Malta cosa sia –*
*È uno scoglio ove nacque la bugia.*
*Paese d'egoismo ove sol è*
*Dio per finzione, e per timore il Re!*

(*NML, ms. 805, 10*)

Hemm għadd ta' eżempji bikrija oħrajn, l-aktar fix-xogħol ta' l-Abbati Giuseppe Zammit (1802 – 1890), magħruf bħala Brighella, iżda fl-istrofa ta' Dun Rigord hemm diġà l-kontestazzjoni taż-żewġ egħjun ewlenin; in-nuqqas ta' koerenza reliġjuża u n-nuqqas ta' koerenza politika u ċivili, kif mogħtija b'qawwa espressiva fir-raba' vers, jiġbru l-kontestazzjoni kollha. L-arti hi minnha nnifisha *critique* ta' l-eżistenza. Il-poeti u r-rumanzieri Maltin l-aktar magħrufa ta' l-imgħoddi seddqu l-fiduċja, waqt li l-polemika tinstab diġà fi Ġwann Mamo, Ġużè Ellul Mercer u Ġużè Orlando. Fi żmienna ħadet ix-xeħta ta' kurrent ewlieni, wisq aktar sottilizzat u mibni b'koerenza fuq damma ta' fehmiet maħsuba tajjeb.

Fuq naħa hemm il-ġlieda kontra l-egħluq; id-dimensjoni ta' l-ispazju, kemm fil-versi u kemm fir-rumanzi, tixhed sikwit il-klawstrofobja. Fuq naħa oħra hemm ix-xewqa għall-fidwa spiritwali, kulturali tal-gżira magħluqa fiha nnifisha. Fl-aħjar waqtiet tiegħu l-kittieb modern ifisser id-differenza li hemm bejn il-Malti magħluq, iċ-ċittadin iżolat, u l bniedem il ġdid, ċittadin li jimraħ. Tnisslet għamla oħra ta' eżilju interjuri, u letterarjament tqajmet mill-ġdid il-metafora klassika tal-vjaġġatur u tal-vjaġġ tiegħu, dejjem 'il barra mill-ambjent dejjaq (jew bl-irtir, fil-privatezza; jew bis-safar, fil-bera ħ ta' lil hinn mill-kamra ġeografika).

Skond din il-letteratura, il-ħtija ewlenija hi mixħuta fuq il-ġungla politika. Hi letteratura li sseddaq il-preżenza ħerqana tagħha billi sseddaq id-distanza, in-nuqqas ta' parteċipazzjoni. Iżda dan l-għajbien hu possibbli? In-nuqqas ta' parteċipazzjoni m'hux għamla ta' parteċipazzjoni? L-għadab u l-lirika, il-koerenza u l-biża' mid-dnub, iċ-ċertezza persunali u l-periklu tal-kontradittorjetà huma minsuġin flimkien. Dawn huma temi letterarji, iżda l-istħarriġ tagħhom jitlob aktar il-kompetenza tal-politologu, tal-psikologu u fuq kollox tas-soċjologu.

**• F'*Linji Ġodda* hemm il-poeżija ta' l-ispirtu mweġġa' u mnikket; jinħassu d-delużjoni, il-protesta, it-tilwima kontinwa ma' l-ambjent. Kemm hu sew li ngħidu li dawn l-elementi kienu maħsubin biex jixxukkjaw jew għax il-poeti l-ġodda riedu jiddakkru minn movimenti barranin?**

Kull moviment ħaj ta' pajjiż jiddakkar minn movimenti ta' pajjiżi oħra, jekk ma jkunx moviment oriġinali. Qegħdin nitkellmu fuq mewġa żgħira f'Malta li waslet fostna minn taqliba kbira fil-kontinent u fl-Amerka, iżda l-prinċipju jibqa' wieħed. Ngħidu aħna, ir-Rinaxximent jagħraf nislu fl-Italja u r-Romantiċiżmu fil-Ġermanja, iżda dawn iż-żewġ esperjenzi kbar saru wkoll movimenti Ewropej. L-istorja taċ-ċiviltà hi mimlija b'dawn ir-rabtiet naturali għax il-mappa ġeografika ilha li ngħelbet fil-mixja ta' l-ispirtu tal-bniedem.

Ir-rabta tal-moviment letterarju Malti ma' movimenti kbar ta' artijiet oħrajn, fl-imgħoddi u llum, hi waħda mix-xejriet l-aktar pożittivi. Storikament din ir-rabta hi fatt fundamentali li hemm minsuġin miegħu bi ħjut ta' kawżalità l-progressi kollha li saru.

Anqas m'hi barranija għal-letteratura t-teknika tal-ħasda jew tax-xokk. Hi qadima mill-inqas daqs il-moviment Marinista fl-Italja Barokka; Giambattista Marino (1569 – 1625) jikteb:

*È del poeta il fin, la maraviglia;*
. . .
*chi non sa far stupir, vada alla striglia.*

Fil-qasam bla qies tal-letteratura Ewropea u Amerikana ta' dan is-seklu, l-estetika u t-teknika tal-ħasda huma kotrana aktarx iżżejjed. L-agħar estrem messuh il-Futuristi, iżda qiegħed nitkellem dwar is-seħer bħala xejra pożittiva u speċjali. Il-maġija, wara kollox, hi biċċa min-natura nnifisha tal-poeżija, u ta' l-arti kollha. Il-validità tagħha, bħal kull element ieħor, tiddependi minn kriterji oħrajn.

Jekk fil-poeżija l-ġdida hemm ix-xejriet imsemmija fil-mistoqsija, u jekk huma (jew jekk m'humiex) imnisslin miż-żewġ spunti msemmija, il-fatt li dawn ix-xejriet jeżistu jrid jitfisser bi kriterji differenti, aktarx skond ir-raġunijiet imsemmijin fil-bidu li jfissru għala l-poeżija Maltija tul dawn l-aħħar għoxrin sena kibret biex tinterpreta ansjetajiet u ideali ġodda (għal Malta). Hi interpretazzjoni li tiftiehem aħjar fil-kuntest ta' ġrajja letterarja u extra-letterarja.

**• Donnu jidher li l-konfront soċjali f'*Linji Ġodda* ma jippermettix li l-poter (politiku u reliġjuż) u l-intellett jeżistu flimkien. Kemm huwa minnu dan?**

Hi mistoqsija antika u topika dejjem. Il-poter politiku u l-arti ma jeżistux flimkien, iżda l-arti u l-fidi mhux biss jeżistu flimkien iżda għandhom warajhom storja ta' żwieġ li rnexxa, anzi hu ż-żwieġ li rnexxa l-aktar fil-ġrajja ta' kull ċiviltà li nafu biha. Malta tillustra dan sa mill-preistorja. Meta mbagħad nitkellmu dwar strutturi ta' poter, l-argument jieħu bixra oħra.

Il-konfront bejn l-arti (l-iżjed il-letteratura) u l-poter hu qadim għallinqas daqs Platun, il-protagonista ta' pożizzjonijiet kuntrastanti msejsin fuq il-filosofija, il-morali u l-politika fl-*Ion*, fil *Phaedrus* u fir-*Repubblika*. Fil-każ tal-letteratura Maltija l-antagoniżmu bejn il-politika u l-letteratura għandu l-istorja tiegħu wkoll. Nislet biss sentenza minn ittra ta' Dun Karm tal-21 ta' Mejju, 1937 lil Laurent Ropa:

*"Io non sono stricklandiano oggi che scrivo in maltese, come non ero mizziano quando scrivevo in italiano. Io odio la politica, e godo di non aver mai appartenuto a alcun partito politico; io sono maltese, solo maltese, e nient'altra che maltese."*

Dan ma jfissirx nuqqas ta' kuxjenza soċjali, anzi l-kuntrarju; hu sforz, tipiku ta' kull artist pożittiv li, waqt li jħaddan il-valuri, jara t-totalità u mhux il-parti, in-nazzjon u mhux il-blokki. Din ukoll hi waħda mill-kelmiet l-aktar kostruttivi li qalet u għadha tgħid il-letteratura lill-pajjiż kollu.

Il-bixra reliġjuża tal-kultura Maltija, min-naħa l-oħra, hi mwettqa u żviluppata ħafna fil-poeżija l-ġdida. Ma nafx li hemm xi kurrent ta' poeżija fir-reġjun tagħna li m'huwiex minnu nnifsu reliġjuż skond xi tradizzjoni jew oħra. Imġedded u msoffi skond is-sinjali taż-żmien, il-kontribut poetiku Malti ta' llum hu approfondiment tal mistoqsijiet u tat tweġibiet dejjiema li l-bniedem jagħmel u jistenna, rispettivament, li jirċievi. Il-varjazzjonijiet ta' xeħta stilistika ma jixhdu b'ebda mod bidla sostanzjali.



SEMANTIKA (4)

# ŻVILUPP FIS-SENS: (1) SPOSTAMENT

L-aktar aspett tas-semantika li qanqal interess kien l-istudju ta' l-iżvilupp fis-sens tal-kliem. L-istudjużi tas-semantika riedu jitkixxfu l-kif u l-għala ta' dan it-tibdil jew aħjar żvilupp, fit-tifsir. Imbagħad, biex jikklassifikaw il-materjal li sabu, ħolqu diversi kategoriji ta' tipi u kawżi ta' dan l-iżvilupp. Il-pijunier fil-Malti kien Ġużè Aquilina.

Meta s-sens ta' kelma jinbidel, ma sseħħx xi bidla bl-addoċċ. Huwa għalhekk li aħna qed nitkellmu dwar żvilupp, għax teżisti rabta loġika, jew loġiko-rettorika, bejn it-tifsira l-qadima u l-ġdida. Fuq il-bażi ta' din ir-rabta aħna se narmaw sistema ta' kategoriji li biha nikklassifikaw l-eżempji li nsibu.[2]

Iżda qabel jeħtiġilna nwittu t-triq billi nintroduċu xi kliem tekniku li jgħinna nitħaddtu fuq is-*sens*. L-aktar xejra moderna hija dik li tara s-sens bħala ġemgħa ta' *komponenti*. Uħud minn dawn il-komponenti huma l-qofol tad-definizzjoni (is-sens) tal-kelma, u għalhekk se nsejħulhom il-*komponenti-qofol*. Minn dawn il-komponenti-qofol jeħtieġ ikollna biżżejjed biex nagħżlu sens partikolari minn sensi oħra li jidħlu fl-istess sfera tad-diskors. M'għandux ikollna aktar milli meħtieġ, biex nimxu mal-prinċipju ta' l-ekonomija.

Nieħdu bħala eżempju s-sens tal-kelma *siġġu*. Jekk napplikaw dan li għedna, fis-sens ta' *siġġu* nsibu dawn il-komponenti:

(a) biċċa għamara; (b) bis-saqajn; (ċ) bid-dahar; (d) li tpoġġi fuqu; (e) għal persuna waħda.

Dawn il-ħames komponenti huma biżżejjed biex jagħżlu s-sens ta' *siġġu* minn dak ta' *banketta* (bla dahar), *sufan* (għal żewġ persuni jew aktar), *divan* (li timtedd fuqu), u l-bqija.

Barra l-komponenti-qofol is-sens ta' kelma aktarx ikollu oħrajn mhux daqshekk meħtieġa, iżda li, huma assoċjati sew mas-sens. Dawn se nsejħulhom *komponenti supplementari*. Nistgħu nuru ż-żewġ tipi ta' komponenti mill-analiżi tas-sens ta' *missier*, kelma li għandha sehem mill-isfera tal-qraba flimkien ma' *omm, ziju, zija, iben, oħt*, eċċ. Fis-sens ta' *missier* insibu dawn il-komponenti:

| | |
|---|---|
| komponenti-qofol | sess maskil;<br>ġenerazzjoni ta' qabel l-ego;[3]<br>nisel dritt ma' l-ego; |
| komponenti supplementari | jgħajjex il-familja b'ħidmitu;<br>jieħu ħsieb l-ulied; eċċ. |

Ir-rilevanza tal-komponenti supplementari għas-suġġett se tidher ċar fl-artiklu li jmiss meta nitkellmu dwar il-metafora u l-metonimija. Sadattant nistgħu nagħmlu l-ewwel distinzjoni binarja fl-iżvilupp tas-sens billi nagħżlu bejn bidla żgħira li tinvolvi żvilupp f'komponent-qofol wieħed jew għadd żgħir – *spostament*, u qabża kbira fis-sens, li tinvolvi bidla fil-komponenti-qofol kollha, jew kollha barra wieħed li jingħata interpretazzjoni ġdida – *trasferiment*.

ŻVILUPP
*FIS-SENS*
*SPOSTAMENT* ← → *TRASFERIMENT*

Imbagħad nistgħu nagħmlu distinzjoni binarja oħra fit-trasferiment fuq il-bażi ta' jekk it-trasferiment hux *trasferiment metaforiku* jew *trasferiment metonimiku*. B'hekk jiġi li għandna tliet kategoriji prinċipali ta' żvilupp semantiku. F'kull waħda minn dawn il-kategoriji nistgħu nagħmlu għażliet ifjen. Jekk nieħdu l-ispostament, naraw li dan jista' jsir permezz ta' żieda ta' komponent jew tnaqqis ta' komponent – distinzjoni li taqdina biex narmaw taqsimiet sekondarji.

Il-kelma *senduq* fil-Malti tfisser 'kaxxa b'qisien kbar'. Iżda meta nfittxu fis-sens ta' qaribha fil-Għarbi صُنْدُوق, ma nsibu l-ebda komponent li jitkellem dwar qies. Mela s-sens fil-Malti żied komponent, u ġara li fil-Malti mhux kull kaxxa tissejjaħ 'senduq'. Dan l-ispostament fis-sens se nsejħulu *tidjiq*, għax aktar ma jiżdiedu komponenti aktar is-sens ta' kelma jidjieq.

Il-verb *ċapċap*, li nistgħu niddefinuh bħala 'ħabbat idejh ma' xulxin, bil-ħoss, aktar minn darba, biex juri għoġba, approvazzjoni', ma kienx ifisser hekk fi żmien De Soldanis u lanqas fi żmien Vassalli. Il-komponent li juri skop ('biex juri għoġba, approvazzjoni') kien għadu mhux sehem mis-sens. In-nom *perit* ħadnieh mill-Isqalli *peritu* fejn għandu t-tifsira 'espert'. Fil-Malti rridu nżidu 'espert fl-arkitettura'.

Fil-każ tal-kelma *għież* 'ħwejjeġ, bjankerija u dehbijiet eċċ. li l-għarusa tieħu magħha f'dar l-għarus bħala miżżewġa', it tidjiq fis-sens jidher li hu l-aħħar pass qabel il-kelma sfat imwarrba għal kollox. Illum il-Malti għandu l-kelma *dota* għal dan is-sens. Meta nqabblu *għież* ma' nisilha fil-Għarbi جِهَاز insibu li din ta' l-aħħar tfisser 'armar, apparat, eċċ.'. Minn dan is-sens joħroġ is-sens spostat fil-Malti, fejn il-kelma ma tingħadx ħlief għal dak li ġġib magħha l-għarusa. *Bambin* daħlet fil-Malti b'riferenza unika u m'għandhiex is-sinjifikat ta' 'tarbija' li għandha fit-Taljan. Din l-għamla estrema ta' tidjiq nistgħu nsejħulha *tifrid*.

Jekk iż-żieda ta' komponent twassal għal tidjiq fis-sens, it-tnaqqis ta' komponent iġib *twessigħ* fis-sens. Dan għax is-sens jiġi jkollu inqas komponenti li jillimitawh. Naraw dan fil-verb *bajjad* li Vassalli fisser fi żmienu (1796) bil-kelma Taljana 'imbiancare', jiġifieri 'tagħti passata ta' ġir abjad lill-ħajt'. Illum wieħed jista' jbajjad bil-kuluri kollha. Insibu twessigħ ukoll fis-sens ta' *ferħ* 'iż-żgħir ta' tajra, annimal jew ħuta' fejn il-kelma Għarbija فَرْخ tintuża biss għal 'għasfur żgħir'. L-aktar kelma ġenerika u kurrenti li għandna fil-Malti għal xedd għas-saqajn hija *żarbun*. Jekk il-kelma ġejja, kif għandna naħsbu, mill-Għarbi زَرْبُون (bil-varjant tagħha زَرْبُول) fejn tfisser 'għamla ta' buz tal-ġilda bi tkaken għoljin', allura għandna każ ieħor ta' twessigħ. Għall-ewwel li daħal il-verb *stiva* fil-Malti kien jintuża fis-sens 'irranġa, qiegħed bl-ordni l-merkanzija fi stiva ta' vapur'. Illum il-komponent li jorbot is-sens mal-merkanzija 'ta' vapur' waqa', u għalhekk ngħidu li s-sens twassa'.

Fl-aħħarnett nistgħu nagħtu ħarsa ħafifa lejn xi eżempji ta' spostament fejn il-komponent involut hu *valutattiv*, jew billi jidħol dan il-komponent jew billi jitwaqqa' u jitħalla barra mis-sens. Barra minn hekk dan l-element valutattiv jista' juri atteġġjament favorevoli, u għalhekk id-dħul tiegħu fis-sens iġib spostament *ameljorattiv*, jew għall-kuntrarju juri atteġġjament xejn sabiħ, li jġib spostament *peġġorattiv*. Id-distinzjoni binarja ameljorattiv/peġġorattiv hija waħda prattika, iżda mhix fina biżżejjed biex tilqa' fiha l-bosta każi ta' spostament valutattiv li niltaqgħu magħhom fil-Malti.

Nagħtu xi eżempji ta' dawn iż-żewġ tipi ta' spostament. In-nom *regħba* ħa dimensjoni peġġorattiva fil-Malti, 'xewqa dominanti għal xi ħaġa mhix tajba', dimensjoni nieqsa għal kollox mis-sens tal-kelma رَغْبَة fil-Għarbi, fejn tfisser sempliċement 'xewqa'. *Bażużlu* ħadnieha mill-Isqalli *basusulu* 'grazzjuż'. Daħlet fil-Malti aktarx b'dan is-sens għax insibu lil De Soldanis ifissirha (ħabta tal-1759) 'bello, bellino, amabile'. Iżda llum ħadet dimensjoni peġġorattiva: 'maħbub u ppreferut fuq oħrajn li jixirqilhom aktar, eċċ.' **GEORGE DOUBLESIN**

1. Ara *Papers in Maltese Linguistics* (Royal University of Malta, 1961) kap. 2.
2. Wieħed jista' wkoll jarma sistema ta' kategoriji bbażata fuq kawżi ta' żvilupp.
3. Il-kliem kollu fl-isfera tal-qrubija għandu l-ego (jew il-'jien') bħala punt ta' riferiment.

DUN KARM
• minn paġna 78

f'uħud mill-aħjar poeżiji. L-effett politiku tas-soċjetà Maltija fuq Psaila jista' jkun investigat ukoll fid-dawl ta' din il-fehma psiko-letterarja. Hu jista' jirrappreżenta wkoll lill-personalità frammentata li tinħass b'bosta Maltin ta' żmienu, nies kolonjalizzati iżda Ewropej b'kultura organizzata u formazzjoni letterarja Latina sofistikata, bil-qrati, professjonisti, reliġjon qadima u stabbilita, nobbiltà u saħansitra teatru Taljanizzat; ilkoll jeżistu u jaħdmu fl-isfond ta' lotta psikoloġika bejn il-klassijiet, bejn l-elit u l-massa: b'ta' l-ewwel jipproklama d-destin Latin u tat-tieni tqis lill-Brittanja bħala protettriċi. Minn dan il-kwadru jista' jinftiehem il-poeta li kkultiva l-kompromess storiku ta' Malta kolonja li ma kellhiex għalfejn tirrinunzja għall-kattoliċità tagħha.

Tant huwa klassiku l-kompromess ta' Psaila li fixkel, jew aħjar deher li qed jimbarazza lin-naħa li tradizzjonalment xaqilbet lejn l-Italja u stenniet li, politikament u etikament, bħala saċerdot imkisser fl-erudizzjoni Latina, kellu jieħu pożizzjoni deċiżivament anti-kolonjalista.[27] Fil-keffa l-oħra tal-miżien l-Uffiċċju Kolonjali ħadem il-kalkoli tiegħu tajjeb: jekk isostni l-ideali ta' l-ilsien Malti li kienu qegħdin jistinkaw għalih Dun Karm u sħabu, l-Imperu Ingliż kien ikun rebaħ il-lealtà u s-sudditanza kondixxenti ta' qassis imfittex li, wara kollox, ma kienx qed jippressa għal xi programm ta' azzjoni u żvilupp ekonomiku għal mases; anzi Psaila kien jitnaffar mill-esiġenzi tal-progress.

Il-poeżiji tiegħu tbiegħdu apposta mir-realtà ta' l-urbanizzazzjoni u minn ambjenti politikament sensittivi bħattarzna jew il-port, l-arterji ewlenin tal-Ingilterra f'Malta. Għall-Gvern Imperjali, is-sentimenti provinċjali u Latifondisti flimkien mad-dispożizzjoni bukolika ta' letterat magħruf, saċerdot imlaħħaq li ried jinkoraġġixxi innu romantiku bil-vernakular kienu assigurazzjonijiet ta' ħakma mingħajr tfixkil. Dawn setgħu jitqiesu mill-Kuruna Ingliża bħala ideali marġinali li ma kinux jikkontestaw, anzi kkonformaw ma' l-istratum kolonjali bħala att ieħor ta' rassenjazzjoni gratifikata min-naħa ta' l-abitanti.



## NOTI

1. Ir-rifuġjati li bdew jaslu Malta maħrubin minn taħt l-oppressjoni Burbonika fi Sqallija wara l-1820 kienu jinkludu, fost oħrajn, nies distinti ta' influwenza kbira u ta' kultura. Fl-1849 l-Arċisqof ta' Malta insista li l-attività tar-rifuġjati kienet saret irruwenti u antiklerikali u li ma kellhomx jiddaħħlu f'Malta 62 eżiljat ieħor li talbu permess biex jistazzjonaw ruħhom fil-gżira. Il-wasla ta' Garibaldi nnifsu fl-1864 kompliet qanqlet il-kontroversja bejn dawk li qisuh bħala skumnikat, għadu tal-Knisja u l-Vigarju tagħha; u dawk li raw fih id-difensur tal-ħelsien fl-Ewropa.

2. P.C. Kent, *The Pope and the Duce*, Macmillan, 1981, p. 74.

3. Cfr. H. Frendo, *Party Politics in a Fortress Colony: the Malta Experience*, (Malta, 1979), pp. 8–10, 35–7.

4. Cfr. A. Koster, *Prelates and Politicians in Malta*, (Netherlands, 1981), p. 71.

5. Cfr. O. Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija*, Vol. 1. (Malta, 1982), p. 69.

6. R. Borg, *The Maltese Worker (1919–1939)*, teżi għall-grad ta' M.A., (Univ. ta' Malta, 1979), p. 3.

7. H. Frendo, *Birth Pangs of a Nation: Manwel Dimech's Malta*, (Malta, 1971), pp. 28–31.

8. Cfr. L.E. Attard, *Early Maltese Emigration (1900–1914)*, (Malta, 1983), p. 30.

9. Frendo, *loc. cit.*

10. Attard, *op. cit*, p. 40.

11. 20/8/1912.

12. Attard, *op. cit.*, p. 51. Għall-aqwa satira li teżisti fil-letteratura lokali dwar il-manjieri primittivi tal-Maltin emigrati, cfr. J. Mamo (1886–1941), *Ulied In Nanna Venut Fl'Amerca* (1930).

13. 16/9/1913.

14. Attard, *op. cit.*, p. 52.

15. Borg, *op. cit.*, p. 14.

16. "1921 – Lil Ħuti Maltin, Nhar l-għoti tal-Kostituzzjoni"; fil-bijografija tiegħu, Cardona jsostni li Psaila dam ma xandar din il-kompożizzjoni bosta snin għaliex kien qed jistenna li tkun immużikata; Cfr. *Dun Karm, Ħajtu u Ħidmietu*, (Malta, 1972), p. 138.

17. Cfr. Cardona, *op. cit.*: "Naħsbu li Dun Karm u sħabu s-surmastrijiet tas-Seminarju ... kienu jqattgħu s-sigħat jiddiskutu dawn l-iżviluppi politiċi" (p. 39); f'ittra lil L. Ropà (7/6/1935), Dun Karm kiteb li jammira lil F. Mizzi bħala bniedem sinċier iżda jiġri li ħafna drabi s-segwaċi tal-fundatur ikissru l-ideat tiegħu (Cardona, p. 183); Psaila mbagħad jistqarr li "jixtieq (ma nkunx nifhem) fil-politika" (*loc. cit.*).

18. Huwa ċar minn intervisti li l-awtur preżenti kellu ma' familjari ta' Psaila li l-poeta kellu ammirazzjoni kbira lejn l-Ingliżi u kien jarahom bħala l-mibgħutin mis-Sema li ġew iħarsulna r-reliġjon Kattolika.

19. Għal sintesi tal-fehmiet estetiċi ta' Dun Karm, cfr. O. Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija, cit.*, pp. 222–4.

20. Tqabbil bejn dak li kiteb Psaila dwar l-impenn istruttiv tal-poeżija (ara n. 19) u l-opra tiegħu ġenerali juri mhux biss it-ton didattiku tal-poeżija iżda wkoll il-ħarba mill-polemika.

21. L-għażla tat-traduzzjoni ta' "I Sepolcri", fost oħrajn, twettaq din il-fehma; għalkemm il-Karme Foscoljana nebbhet fi Psaila sensiela ta' impulsi nazzjonalistiċi, l-



andament ċelebrattiv jilqa' r-rettorika abbundanti imqar bil-ħafna inverżjonijiet li mhumiex il-mod tat-taħdit tal-Maltin; il-vista wiesgħa u ffullata ta' allat mitoloġiċi maqtugħin mill-kuxjenza popolari jkomplu juri virtwożiżmu lingwistiku bi skop fih innifsu. Ftit jista' jibqa' dubju li t-traduzzjoni saret għal gratifikazzjonijiet b'konnotazzjoni politika fuq il-livell akkademiku.

22. Għal diskussjoni tal-kritika psikanalitika, cfr. fost oħrajn, F.J. Hoffmann, *Freudianism and the Literary Mind*, Grove Press, N.Y., 1959 u M. David, *Letteratura e Psicanalisi*, Cera, Milano, 1967.

23. P. Xuereb, wieħed mill-kritiċi ewlenin li ħoloq dimensjonijiet interpretattivi ġodda f'Dun Karm, eleva mill-bijografija ta' Cardona (*cit.*) għallinqas tliet testimonjanzi testwali marbutin direttament mal-kriżi saċerdotali til-poeta. Cfr. *The Sunday Times of Malta*, 22/10/1972.

24. Cardona (*Cit.*) jagħti diversi eżempji tat-temperament diffiċli ta' Psaila; l-attitudni sesswali fil-poeta saħansitra wriet tendenzi puritaniċi eċċessivi u Jansensisti: cfr. E. Bonello, "Freudian Theory", *The Sunday Times of Malta*, 12/11/72.

25. Wieħed mill-aħjar eżempji appellattivi favur il-ħtieġa ta' għarfien psikoloġiku nazzjonali f'Dun Karm jista' jingħata mill-poeżija "Lid-Dielja", saffika li titbiegħed mill-qafas formidabbli tal-mit biex tħaddan ħsieb organiku għal-libertà nazzjonali mingħajr kundizzjoni.

26. "Il-Kennies", saffika oħra solennement patetika, fejn is-solidarjetà ma' l-isprivileġġat hi wisq aqwa mill-aljenazzjoni sublimizzata tal-kampanjoli jew mill-kundanna preġudikata kontra l-proletarju urban.

27. Ir-reżistenza ta' filo-Taljani militanti waslet fit-tmiem biss bil-miżuri ta' internament u eżilju ta' Maltin bħal A. Mercieca, E. Mizzi, Mons. A. Pantalleresco, H. Ganado, G. Scicluna (Balilla), A. Baiona, C. Formosa, fost oħrajn. L-eżiljati Maltin bdew "odissea" (A. Mercieca) twila u umiljanti fuq il-vapur merkantili "Brekonshire" lejn Lixandra u mbagħad is-Sudan u l-Uganda. Telqu minn Malta fit-13/2/1942 meta ngabru taħt is-sorveljanza tas-suldati imperjali (Cfr. A. Mercieca, *The Making and Unmaking of a Maltese Judge*, 1969 u H. Ganada, *Rajt Malta Tinbidel*, Vol. 11, 1975).

**Mario Azzopardi**



**FRANCIS EBEJER, l-ewwel minn sebat itfal li twieldu lil Ġużè u Josephine ġewwa Ħad-Dingli, fid-dar fejn illum hemm l-għassa tal-Pulizija, dejjem ħass ġibda elementali lejn il-blat u l-ħamrija ta' Malta, l-egħruq ta' l-identità nattiva tal-poplu. Fl-awtur hemm diversi eki primordjali mxerrdin kontinwament fl-aħjar xogħlijiet tiegħu, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.**

# FRANCIS EBEJER: L-EGĦRUQ TA' L-ART

Ebejer iħobb ifakkar romantikament illi kunjomu wkoll, derivat minn *Eber*, preżenti fit-Testment l-Antik, għandu tifsira pastorali qadima. Is-sentimenti ta' l-awtur lejn l-egħruq ta' l-Art (u tan-Nisel) huma taħlita ta' kunflitti bejn dak li jissuġġerixxi l-fertilità u dak li jfakkrek fid-dekompożizzjoni jew l-aridità. Ebejer huwa mħawwel fix-xenarju kampanjol, għalkemm jistqarr li qatt ma jara lilu nnifsu jewloġizza lin-Natura bħala ħaġa perfetta: *"Ix-xewk importanti għalija daqskemm hi l-warda; tħuf warda u togħġbok, imma f'qalbi qed ngħid 'ja xitan – b'kemm-il sepulkru stagħnejt!'"*.[1]

Il-misteru ta' l-Art Ebejer iħoss illi huwa ħaġa waħda mal-ġibda msaħħra li l-awtur iħoss lejn l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli; il-blat għoli u misterjuż ta' raħal twelidu qatt m'hu separat wisq mill-konċettwalità tal-ħsieb tiegħu. Għal Ebejer, id-dehra ta' l-irdumijiet hija sinonima mat-tiftix intellettwali bla heda fl-artist. L-awtur stqarr illi għalkemm fid-dar ta' ommu u ta' missieru għex ħajja trankwilla u magħquda, l-ispirtu tiegħu dejjem ħassu "bla sabar, inkwetat, dejjem ifittex xi ħaġa" li lanqas hu nnifsu ma kien jaf x'inhi.[2] Forsi minn hawn huwa mnissel is-sens kbir ta' kuntrast li kontinwament jinvadi lix-xogħlijiet tiegħu:

> *Ma nistax naħseb fix-xemx u ma naħsibx ukoll fil-maltempati; ma nistax inħobb jekk ma nħossx ġo fija wkoll tmiem l-imħabba; ma nistax nara lil xi ħadd jibki li ma naħsibx fl-istess ħin li dalwaqt se jidħaq. Jiġifieri xejn u xejn m'hu permanenti. Kollox fi stat ta' fluss. U dan kollu fil-ħajja daqskemm fit-teatru.*[3]

Ebejer jifhem ukoll illi n-Natura nnifisha hija misterjuża f'sens kontradittorju: huwa jistqarr illi n-Natura qed twelled u toqtol kontinwament, "tiggranfa u teqred, il-ħin kollu, sa taħt l-inqas ħaxixa f'għalqa, imma xorta nsejħulha sabiħa." Minn din l-ambivalenza tista' tkun ġejja wkoll il-frekwenza mentali ambigwa li teżisti f'Ebejer f'dak li għandu x'jaqsam mal-figura tal-Mara, li tant hija ċentrali fix-xogħlijiet tiegħu. Is-saħħa tal-figura Femminili fix-xogħlijiet tiegħu tista' tkun ġejja wkoll minn saffi qodma fil-memorja ta' Ebejer. Dwar l-essenza daqstant robusta tal-karattri femminili tiegħu, Ebejer igħid hekk:

> *Rajtha ħafna ħsieb dil-ħaġa ... Fattur ċkejken, jew kbir, forsi kien li mill-inqas, żewġ tfajliet li kont naf f'żgħożiti kienu intelliġentissmi u ta' talent, imma opportunitajiet ma kellhomx, imma jien stess rajthom jitħabtu biex ikollhom.*[4]

Imbagħad Ebejer iqis ukoll ix-xbihat ta' nisa raħlija li mlewlu l-fantasija tiegħu meta kien jiġri fl-egħlieqi fir-raħal fejn twieled kważi sittin sena ilu:

> *Kont nara ħafna nisa fl-egħlieqi ta' Ħad-Dingli u fuq l-irdum u forsi, għax kienu nisa bħala l-ewwel premess, kull daqqa taz-zappun f'għajnejja dehret id-doppju ta' dik li kien jagħti xi raġel fosthom. Imbagħad ukoll, il-ħafna nisa, speċjalment fil-familja ta' Ħad-Dingli (kienu ħafna, familja kbira) u l-ħin kollu għaddejjin bil-faċendi tagħhom id-dar, u wħud minnhom fiċ-ċens ta' fuq l-irdum.*[5]

F'Ebejer is-senswalità u l-mistika tal-Mara jintilfu f'xulxin f'sensiela ta' immaġni li kważi huma dejjem imnebbħin mid-dehra pajsaġġistika lokali. Is-senswalità ta' l-ambjent naturali Malti tnebbaħ lil Ebejer b'mottiv matrijarkali, filwaqt li l-ħajja, bl-esperjenzi paralizzanti tagħha, tistiednu lura lejn il-ġuf. Hawnhekk ukoll, ta' min jimmarka l-filosofija ta' l-awtur dwar il-problema eterna ta' l-eżistenza u l-mewt:

> *M'hemmx differenza bejn il-ġuf u l-mewt; u l-mewt naraha bħala ġuf ieħor li se jwelled. Jekk xejn m'hu permanenti, allura lanqas il-mewt m'hi permanenti.*[6]

Dan jerġa' jwassal għall-ħsieb ta' fluss kif jifhmu Ebejer, ossessjonat mhux biss bil-kontradizzjonijiet umani, iżda bl-istess passat tal-bniedem, bil-ħtijiet u l-iżbalji li jeħtieġ li jifhem u jammetti jekk irid jagħmel sens mill-preżent u mill-futur. L-imgħoddi, bl-isfumaturi kollha tiegħu, huwa l-protagonist ta' *Storja: Il-Ħarsa ta' Rużann*, l-ewwel rumanz bil-Malti li Ebejer se joħroġ dalwaqt.

**MARIO AZZOPARDI**

## NOTI

1. Korrispondenza ta' Ebejer ma' l-awtur preżenti, 15.11.1984.
2. Cfr. *Civilization*, Gulf, 1982, N.1, p. 27; għal tagħrif fuq ir-rumanzi tiegħu, ara *ibid*, 1984, No. 19, pp. 527 ff.
3. Korrispondenza, cit.
4. Korrispondenza, 18.9.1984.
5. *Ibid.*
6. *Ibid.*

G

TITWILA LEJN IL-GRAMMATIKA (1)

# IN-NOMI VERBALI

Il-biċċa l-kbira ta' l-istudenti Maltin kapaċi biex jifhmu x'jiġifieri *nom*, u x'jiġifieri *nom verbali*, i.e. nom imnissel minn verb. Madankollu, jiġu waqtiet meta mhux lakemm issib il-kelma li trid. Hawn jidħol il-bżonn tat-tabella li ġejja li turina l-għamliet differenti tan-nomi mnisslin mill-verbi. 'Il quddiem nitkellmu fuq in-nomi diminuttivi.

Jekk **K** qiegħda għal 'konsonanti' u **v** għal 'vokali', u s-simbolu ❮ joqgħod għal 'ġej(ja) minn', jitnisslu l-mudelli:

1. mill-verbi ta' l-**I Forma**:
   i. **KvKKv**
   eż. kisra, xamma, wiżna, tajra, mixja ❮ kiser, xamm, wiżen, tar, mexa
   *Kumment:* kważi l-verbi kollha ta' l-I Forma jistgħu jnisslu nom fuq din l-istruttura.
   ii. a. **Kvkk** *jew* b. **KKvK**
   eż. a. ħolm, daħk, serq; xamm, radd, garr; biki, ġiri, mixi ❮ ħolom, daħak, seraq; xamm, radd, garr; beka, ġera, mixi
   b. ksur, qlib, tfigħ ❮ kiser, qaleb, tefa'
   *Kumment:* 1. l-ewwel grupp jinqasam fi tlieta: fl-ewwel il-verbi sħaħ, fit-tieni, il-verbi torox u fit-tielet il-verbi neqsin; it-tielet għerq /-j/ fin-neqsin ikollu jinbidel minħabba li huwa semi-konsonanti u jsir /-i/;
   2. it-tieni grupp (KKvK) fih bosta nomi bit-tielet għerq 'għ' u din *qatt* ma jkollha l-vokali /-ie-/ qabilha, eż. 'ġmigħ, nżigħ, qligħ, rdigħ, smigħ, wġigħ, żrigħ.
   iii. a. **KvKKa*n*** jew b. **KvKK*ien***
   eż. a. dawran, tajran, fejqan, sewqan ❮dar, tar, fieq, saq
   b. ħelsien, resqien, ħolqien, telfien; waqfien, għajxien, għajbien, qawmien, dewmien, sejbien ❮ ħeles, resaq, ħalaq, tilef; waqaf, għex, għeb, qam, dam, sab
   *Kummenti:* 1. l-ewwel grupp fih nomi minn verbi moħfijin;
   2. it-tieni grupp fih kemm verbi sħaħ kif ukoll verbi dgħajfin l-aktar moħfijin.
2. mill-verbi tat-**II** sa l-**X Forma** fuq il-formola **(t)ViK** basta **-V-** toqgħod għall-verb li jkun u **-K** għall-aħħar għerq tal-verb:
   eż. taqlib, tiksir, tgergir, tberik, tqallib, tkissir, ndħil, ftaħir, stagħġib, stkerrih ❮ qalleb, kisser, gerger, bierek, tqalleb, tkisser, ndaħal, ftaħar, stagħġeb, stkerrah
   *Kummenti:* 1. il-prefiss /t-/ ma jidħolx man-nomi verbali kollha bħalma jidher fil-każ tan-nomi mill-verbi 'tqalleb' (il-V Forma), 'tkisser' (il-V Forma), 'ndaħal' (is-VII Forma), 'ftaħar' (it-VIII Forma), 'stagħġeb' (l-X Forma) u 'stkerrah' (l-X Forma);
   2. il-vokali ta' qabel l-aħħar għerq hi dejjem /-ii-/;
   3. in-nomi mnisslin mill-verbi kwadrilitteri jimxu ma' din il-formola, eż. 'tlablib, ċekċik, xaqlib, żerniq';
   4. in-nomi verbali kollha li jimxu ma' din il-formola jistgħu jieħdu s-suffiss /-a/ biex joħorġu s-sens ta' darba mis-sens ġenerali, eż. 'taqliba, tiksira, tgergira, tberika, tqalliba, tkissira, ftaħira, stagħġiba, stkerriha, tlabliba, ċekċika, xaqliba'.
3. **parteċipjali:**
   I. **attivi**
   i. mill-verbi ta' l-I Forma fuq il-mudell
   **KâKvK**
   eż. ħâkem, ħâres, għâref ❮ ħakem, *ħares, għaraf
   ii. mill-verbi tat-II Forma fuq il-mudelli
   a. **KvKKieK** jew b. **KvKKâK**
   eż. ħaddiem, qattiel, għawwiem; baħħâr, nassâb, għaddâs ❮ ħaddem, *qattel, għawwem; baħħar, nassab, għaddas
   iii. **KvjjvK**
   eż. qarrej, ġerrej, bekkej ❮*qarra, ġerra, bekka
   II. **passivi**
   i. mill-verbi ta' **l-I Forma** fuq il-mudell
   a. **mvKKuk** jew b. **mvKKi**
   eż. a. maqtul, midrub, mibgħut ❮ qatel, darab, bagħat
   b. mibki, moħli, moqli ❮ beka, ħela qela
   ii. mill-verbi tat-**II** sa **l-X Forma** fuq il-formola **m(i)V**:
   eż. mgħallem, mistieden, miżżewweġ (*pl.* miżżewġin) ❮'għallem, stieden, iżżewweġ
   *Kummenti:* 1. billi l-parteċipju attiv tat-II Forma jħobb ikollu /-ie-/ qabel l-aħħar għerq, 'bejjiegħ' ma tistax tinkiteb mod ieħor;
   2. il-parteċipju passiv ta' l-I Forma għandu mudelli oħra, imma li ngħatat hija l-aktar waħda komuni;
   3. il-parteċipju passiv tal-verbi mnisslin jibda bl-/m-/ dejjem, imma l-vokali tal-leħen /-i-/ mhux bil-fors li tidħol dejjem.
4. **in-nomi mimmati:**
   eż. muftieħ, mitħna, mħakka, miġnun ❮fetaħ, taħan, ħakk, ġenn
   *Kummenti:* 1. dawn in-nomi jibdew dejjem bl-/m-/;
   2. fil-biċċa l-kbira juru strumenti, postijiet u kwalitajiet

•jissokta

5. **in-nomi mnissla** mit-Taljan u mill-Ingliż fuq
   i. l-istruttura **(ik)V*ar***
      eż. bukkjar, ippubblikar, stazzjonar, ibboksjar < ibbukkja, ippubblika, stazzjona, ibboksja
   ii. **parteċipjali** fuq l-istrutturi
      i. **V*at***
         eż. skomunikat, ipparalizzat, kantata < skomunika, ipparalizza, kanta
      ii. **V*ut***
         eż. stordut, poġġut < storda, poġġa
      iii. **V*it***
         eż. ipprojbit, assorbit < ipprojbixxa, assorbixxa

*Kummenti:* 1. il-verbi mnisslin mit-Taljan u mill-Ingliż mhux dejjem jirduppjaw l-ewwel konsonanti;
2. mhux in-nomi kollha jissawru bis-suffiss /-aar/, imma n-numru tagħhom tant huwa kbir li mhux ta' min ma jagħtix kashom mill-ewwel;
3. għan-nomi parteċipjali kemm tinħemeż waħda mis-suffissi /-aat/ jew /-uut/ jew /-iit/ mal-verb li jkun.

# IL-KOMPONIMENT

## X'GĦANDEK TAGĦMEL

1. Agħżel suġġett li kapaċi tikteb fuqu għax jagħmel sens f'ħajtek.
2. Agħżel bejn l-għamliet differenti tal-komponiment (ara, *Mis-Sillabu*, Nru. 3, p. 58).
3. Il-kitba immaġinattiva fil-komponiment tista' tħares lejha minn bosta aspetti. Hemm komponimenti li jitolbu mingħandek:
   a) deskrizzjoni tal-pajsaġġ jew tal-post;
   b) deskrizzjoni ta' karattru veru jew immaġinarju;
   ċ) esperjenza personali f'żgħoritek, fi tfulitek, jew l-iskola inkella x-xogħol;
   d) diskussjoni argumentattiva favur jew kontra, bħal fuq l-edukazzjoni sesswali miċ-ċkunija, il-piena kapitali, it-theddida tal- kompjuter u l-bqija;
   e) narrattiva;
   f) kritika ta' xi dramm jew ktieb jew film;
   ġ) djalogu jew dramm jew djarju jew ittra jew rapport għal fuq gazzetta.
4. Imbagħad ibda niżżel l-ideat kif jiġuk. Jekk tħossok inxift mill-ideat, ibda agħrax l-immaġinazzjoni tiegħek b'dawn il-mistoqsijiet:
   a) Fejn? b) Meta? ċ) Għala? d) Kif? e) Min? f) X'affarijiet? ġ) X'qed nara? X'qed jidher? g) X'qed nisma'? X'qed jinstema'? għ) X'qed immiss? X'qed jintmess? h) X'qed intiegħem? X'qed itiegħem ħaddieħor? ħ) X'qed inxomm? X'qed jinxtamm?
5. Jekk is-suġġett ikun argumentattiv ħares lejh mill-aspett
   a) reliġjuż, b) personali, ċ) fiżiku, d) storiku, e) soċjali, f) ekonomiku, ġ) sesswali, g) psikoloġiku.
6. Il-pass li jmiss ikun l-organizzazzjoni loġika ta' l-ideat: tant trid taħkimhom f'idejk li ma tibżax twarrab u tibdel fejn tħoss il-bżonn. Dan il-kontroll tista' tiksbu b'xi wieħed mit-trattamenti li ġejjin:
   a) bit-trattament *kronoloġiku*, imma mhux bilfors tibda dejjem minn filgħodu jew minn malli tibda l-ġrajja biex kollox jimxi b'mod lineari bl-akbar reqqa;
   b) bil-karattri, wieħed wieħed jew iggruppati kif tħoss il-bżonn;
   ċ) bil-ħidmiet ta' kuljum li jagħżlu 'l-wieħed mill-ieħor;
   d) deskrizzjoni panoramika minn naħa għal oħra bl-akbar reqqa;
   e) il-kuntrasti fis-sitwazzjonijiet, u dan igħodd fuq kollox meta jkun hemm komponiment argumentattiv u jkollok tidħol fiż-żewġ naħat ta' l-argument.
7. Il-ftuħ tal-kompiment irid jolqot u jżomm l-attenzjoni tal-qarrej; għalhekk,
   a) idħol għas-suġġett f'daqqa; *jew*
   b) islet silta biex tiftaħ l-argument; *jew*
   ċ) iftaħ b'mistoqsija; *jew*
   d) ibda b'sentenza li tkun tiġbor xi idea b'konċiżjoni spiritwża u dehnija; *imma*
   e) warrab għal kollox u stmerr introduzzjonijiet bħal "Kull ħaġa fid-dinja għandha l-vantaġġi u l-iżvantaġġi", jew "Il-bnadar għandhom ħafna użi" fil-komponiment "Il-Bnadar", jew "Kienet lejla xitwija" fil-komponiment "Lejla Xitwija".
8. L-egħluq tal-komponiment huwa importanti wkoll daqshekk ieħor. U trid tkun taf kif għandek tagħlaq. Ftakar:
   a) toqgħodx iddur mal-lewża;
   b) jekk li kellek tgħid għedtu, ieqaf u tibżax tieqaf;
   ċ) qatt tuża l-kelmiet "Għalhekk naraw...", jew "Biex nagħlaq...", "Kollox ma' kollox nifhmu...", jew "Fil-qosor nista' ntenni...", jew "Bħala konklużjoni nista' ngħid illi..." u l-bqija. Għax bla ma trid toqgħod tirrepeti l-istess ideat u ddejjaq il-qarrej.
   d) lill-qarrej ipprova ħallieh b'aspett ieħor tal-problema, tat-trattament u li jorbot mas-suġġett u ma' kulma għedt qabel.

**ĠORĠ MIFSUD**

## أسئلــة

١ ــ لِماذا شَعُرَ الإنْسانُ بِضَرُورَةِ إنْشاءِ الْحَدائِقِ العامَّةِ ؟

٢ ــ ماذا يَفْعَلُ الإنْسانُ في الْحَدائِقِ العامَّةِ ؟

٣ ــ مَتَى تَكُونُ هٰذِهِ الْحَدائِقُ مُزْدَحِمَةً بالنَّاسِ ؟

٤ ــ هَلْ تَوَقَّفَ إنْشاءُ الْحَدائِقِ العامَّةِ في الْجُزُرِ المالطِيَّةِ ؟ وَلِمَاذَا ؟

٥ ــ أُذْكُرْ إِسْمَ الْحَدِيقَةِ العامَّةِ الَّتي تَراها فِي الصُّورَةِ .

اجوبــة لفهم المكتوب « الحدائق العامّة »

١ ــ شَعُرَ الإنْسانُ بِضَرُورَةِ إنْشاءِ الْحَدائِقِ العامَّةِ لأَنَّ الإنْسانَ كانَ في القَدِيمِ يَعيشُ قَريباً مِنَ الطَّبيعَةِ وَلٰكِنَّهُ اليَوْمَ أَصْبَحَ يَعِيشُ بَعِيداً عَنْها .

٢ ــ الإِنْسانُ يَسْتَمْتِعُ بالطَّبيعَةِ السَّاحِرَةِ في الْحَدائِقِ العامَّةِ .

٣ ــ تكُونُ هٰذِهِ الحَدائِقُ مُزْدَحِمَةً بالنَّاسِ فِي الأَيَّامِ الْمُشْمِسَةِ بِخاصَّةٍ في فَصْلِ الرَّبِيعِ .

٤ ــ لا ، مَا تَوَقَّفَ انْشاءُ الْحَدائِقِ العامَّةِ فِي الْجُزُرِ الْمالْطِيَّةِ وَهٰذا نَتِيجَةُ الزِّيادَةِ في المَبانِي الَّتي تَجْعَلُ الإِنْسانَ يَشْعُرُ بِرَغْبَةٍ في وُجُودِ أَماكِنَ قَرِيبَةٍ مِنْ مَسْكِنِهِ حَيْثُ يَسْتَطِيعُ أَنْ يَسْتَمْتِعَ بالطَّبيعَةِ .

٥ ــ « سانت أنطون » هُوَاِسمُ الْحَدِيقَةِ العامَّةِ فِي الصُّورَةِ .

الكلمات الجديدة في النص .

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| قُرًى | rħula | مُحاطَةٌ بِــ | mdawwar bi | مُعْظَمُ النَّاسِ | il-biċċa l-kbira tan-nies |
| يَعْتَمِدُونَ عَلَى | jiddependi minn | إِنْتاجٌ | prodott | وَهٰكذا | u hekk |
| كانَ في وُسْعِهِ | seta' | تَحَوَّلَتْ إِلىٰ | inbidlet fi | الأَغْلَبِيَّةُ | il-maġġoranza |
| وَلِهٰذا السَّبَبِ | u għal din ir-raġuni | ضَرُورَةٌ | ħtieġa | غابَةٌ | bosk, foresta |
| لاَ بُدَّ أَنَّ | mingħajr dubju | بِيئَةٌ | ambjent | مُزْدَحِمَةٌ | iffullata |
| إِنْشاءٌ | ħolqien | مُسْتَمِرٌّ | kontinwu | نَتِيجَةٌ | riżultat |
| تَجْعَلُ | tagħmel | رَغْبَةٌ | xewqa | وُجُودٌ | preżenza |
| مَسْكَنٌ | post fejn wieħed joqgħod (għamara) | | | | |



# فهم المكتوب

## الحدائق العامّة ـــ ٢

بقلم الفريد زرافا

فــي قَديـمِ الزَّمانِ كانَ الإنْسانُ يَعيشُ في قُرى صَغيرةٍ مُحاطةٍ بالمَزارعِ الخَضْراءِ وَكانَ مُعْظَمُ النّـاسِ يَعْتَمِدُونَ عَلَى اِنْتاجِ مَزارِعِهِم . وَهَكذا كانَ الإِنْسانُ يَعيشُ قَريباً مِنَ الطَّبيعَةِ وَكانَ في وُسْعِهِ أَنْ يَتَمَتَّعَ بِجَمالِ الطَّبيعَةِ وَهُوَيَعْمَلُ فِي الْحَقْلِ وَلكِنَّ الْيَوْمَ هٰذِهِ الْقُرى تَحَوَّلَتْ إِلَى مُدُنٍ ضَخْمَةٍ وَالأَغْلَبِيَّةُ مِنَ النّاسِ يَعْمَلُونَ فِي المَصانِعِ وَأَماكِنَ أُخْرى بَعيدَةً عَنْ جَمال الطَّبيعَةِ وَلِهٰذا السَّبَبِ شَعُرَ الإِنْسانُ بِضَرُورَةِ إِنْشاءِ الحَدائِقِ العامَّةِ وَسَطَ المُدُنِ الحَديثَةِ الضَّخْمَةِ لِيَسْتَمْتِعَ بالطَّبيعَةِ السَّاحِرَةِ . وفي هٰذِهِ الأَيّامِ تكاثَرَتِ الحَدائِقُ وتَحَوَّلَ بَعْضُها إِلىَ حَدائِقِ للحَيَواناتِ وإِذا دَخَلْتَ إِحْدَى هٰذِهِ الحَدائِقِ في مَدينَةٍ مِنَ الْمُدُنِ الْضَّخْمَةِ الحَديثَةِ سَتَشْعُرُ بِأَنَّكَ وَسَطَ غابَةٍ اِفْريقِيَّةٍ .

لا بُدَّ أَنَّ هٰذِهِ الحَدائِقَ أَصْبَحت مَشْهُورَةً عِنْدَ النّاسِ خاصَّةً بيْنَ الأَطْفالِ وفِي الأَيّامِ الْمُشْمِسَةِ و بِخاصَّةٍ في مَوْسِمِ الرَّبيعِ تكُونُ الحَدائِقُ مُزْدَحِمَةً بِالنّاسِ بَعْضُهُم يَتَحدَّثُ و بَعْضُهُم يقْرأُ بَيْنَما يَتَمَتَّعُ آخَرُونَ بالطَّبيعَةِ والبيئَةِ السّاحِرَةِ في هٰذِهِ الحَدائِقِ .

وَفي الْجُزُرِ المالطِيَّةِ لَدَيْنا حَدائِقُ عامَّةٌ جَميلَةٌ أَيْضاً وَإِنْشاءُ هٰذِهِ الحَدائِقِ مُسْتَمِرٌّ وَهٰذا نَتيجَةُ الزِّيادَةِ فِي المَباني الّتي تَجْعَلُ الإِنْسانَ يَشْعُرُ بِرَغْبَةٍ في وُجُودِ أَماكِنَ قَريبَةٍ مِنْ مَسْكَنِهِ حَيْثُ يَسْتَطيعُ أَنْ يَسْتَمْتِعَ بِالطَّبيعَةِ .



# Mingħand il-Qarrejja

Nixtieq ningħaqad mal-korrispondent Arthur Bianco biex nirringrazzjakom għall-importanza kbira li qed tatu għar-rivista, l-aktar, ngħid għalija, għall-intervisti. It-tqassim tal-materjal m'huwiex monotonu; il-materjal dejjem sibtu frisk, il-produzzjoni efficjenti ħafna u attraenti u ngħid is-sewwa l-livell tekniku tagħha lanqas ma jtik li ma tixtrihiex!

Jien smajt bir-rivista tiegħek mingħand sieħbi u għall-ewwel lanqas ma ridt nemmnu, daqskemm faħħarha miegħi. Imma issa qed nifhem kemm għandu raġun. Hemm bżonn li l-proġett tagħkom mhux biss jirnexxi, u jiena ċert mill-kummenti ta' sħabi li qed jirnexxi, imma li jibqa' għaddej, għax, kif għadu kemm qalilna l-għalliem tal-Malti, bħalissa bil-kemm hemm rivista oħra li għadha toħroġ fuq il-Letteratura Maltija!

L-ittri li ġibt fit-tielet ħarġa jixhduh dan. Is-suġġerimenti tas-Sur Emm. J. Montfort mill-Ħamrun għoġbuni kollha ħlief meta qal jew ta x'wieħed jifhem li għandkom tagħtu l-aktar materjal għal-Livell Ordinarju għax hemm studenti aktar li jagħmlu dan il-Livell milli l-Livell Avvanzat. Bħala numru s-Sur Montfort għandu raġun. Imma jidhirli li l-istudent bravu ma għandu *qatt* jillimita ruħu għall-kotba tiegħu għax fil-Letteratura kollox jorbot ħaġa ma' oħra. Referenza għall-kotba jrid ikun hemm, imma nissuġġerilkom li tagħtuni *ħafna* kitbiet fuq l-Istorja tal-Letteratura Maltija għax aħna ma nafu xejn u ħlief għall-ktieb sabiħ ta' Oliver Friggieri, qed ngħid għal *L-Istorja tal-Letteratura Maltija*, ma għandniex f'idejna!

Fl-aħħarnett, nixtieq, f'isem wieħed minn ħbiebi li ser jagħmlu l-eżami tal-Livell Ordinarju, li tibdew tispjegaw bl-iktar mod sempliċi l-forom tal-verbi. Mhux imbilli jiena għaddejt minn dan l-eżami u ġibt l-aqwa marka, għax meta ġie jistaqsini ma kontx naf kif inwieġbu jew insejt. Ħalli nniżżillek il-mistoqsijiet li għamilli u ara taħsiblux biex f'xi ħarġa ta' *Mis-Sillabu* tagħtih it-tweġiba li għandu bżonn għal kull waħda – għax ħadli moħħi:

(a) l-egħruq minn fejn issibhom, mill-forma jew mill-kelma li jistaqsik fl-eżami?

(b) Hemm egħruq li għandhom il-forom kollha?

(ċ) Għala fir-raba' forma hemm il-verb "wera" biss?

(d) Il-konsonanti mtennija tat-tieni forma u tal-ħames tista' tgħoddha ma' l-egħruq jew le? U għala?

(e) Kif tagħraf bejn il-verbi ta' l-ewwel u tat-tielet forma meta l-verb ikun jibdielek bil-konsonanti sielta "għ-"?

(f) Il-verb "staqsa" x'forma hu? Hemm min igħid li hu tat-tmien forma u hemm min igħid li hu ta' l-għaxra!

(ġ) Għala "intiżen" u "intwera" igħoddu mas-seba' forma? Dawn ma jaqblux mal-mudell tagħhom tas-seba' forma.

(g) Meta l-eżaminatur jitolbok biex tnissillu verb mill-kelma li jagħtik, kif tkun taf il-forma li għandek tagħżel?

(għ) Il-verbi kwadrilitteri għandhom forma għalihom jew irridu ngħodduhom mal-forom tal-verbi trilitteri?

Nittama li 'l quddiem inkun nista' nwieġbu bl-għajnuna tar-rivista tiegħek.

**Simon Casha**
**Ix-Xewkija, Għawdex**

F'ismi u f'isem sħabi tal-klassi kollha nixtieq nirringrazzjak għar-rivista tiegħek *Mis-Sillabu*. Ngħid għalija togħġobni ħafna l-lingwistika u fuq hekk nixtieqek tirringrazzja f'ismi lil George Doublesin għas-sensiela stupenda tiegħu fuq is-Semantika. Huwa materjal frisk għalija u li qatt ma smajnieh fil-klassi. Imma nixtiequ li jfisser aktar fit-tul it-termini tiegħu!

**Sonia Camilleri**
**Ta' Giorni**

Għalija l-ħarġa nru. 3 kienet l-aqwa waħda bil-mudelli tat-tweġibiet li tajtuna. Nixtieq nikkonfermalkom li qegħdin fit-triq it-tajba u aħna l-istudenti din ir-rivista ridna. Bl-Ingliż insibu ħafna materjal, imma bil-Malti kważi xejn, ħlief il-ftit noti ta' l-għalliem.

Nixtieq nagħmlilkom suġġeriment: mela l-grammatika nsejtuha? Għala ma tfissruhilniex b'mod sempliċi mingħajr ħafna komplikazzjonijiet? Jiena u sħabi nobogħduha wisq u għedt f'qalbi, min jaf, forsi intom tħajruna għaliha! Kif jista' jkun niktbu tajjeb jekk il-ktieb tal-grammatika huwa daqshekk monotonu!

**Michael Butigieg**
**Il-Qala, Għawdex**

Filwaqt li nixtieq nifirħilkom għar-rivista siewja *Mis-Sillabu* nixtieq ningħaqad ma' dak li kitbet Joselle Attard fl-ittra li kitbitilkom dan l-aħħar biex jekk jista' jkun tibdew tippubblikaw fiha xogħlijiet ta' kittieba żgħażagħ. Forsi, għalkemm l-għan ta' *Mis-Sillabu* mhux dan, naħseb li jekk dawn ix-xogħlijiet li semmejt ikunu ppubblikati, barra li tkunu qed twasslu noti siewja lill-istudent dwar il-kotba li għandu għall-eżami, twasslu wkoll il-leħen poetiku ġdid. Biex ngħidu hekk Azzopardi, Mizzi, Marshall u sħabhom f'*Linji Ġodda* issa qdiemu. Hemm bżonn li tintwera l-kontemporanjetà f'dik li hi Letteratura Maltija.

Ħafna huma ż-żgħażagħ li qed jiktbu poeżija ġdida. Spiċċat l-era tar-rivoluzzjoni; issa hemm bżonn ta' aktar riflessjoni. Hekk iħossu dawn il-poeti ġodda; u mhux huma biss imma anki jekk naraw *Tabernakli* u anki *Monkordi* ta' Azzopardi, l-istess poeta donnu ħass il-bżonn ta' bidla.

**Emmanuel Mifsud**
**Raħal Ġdid**

# KOTBA GĦAL IDEJK




**Fommu bil-Għasel** igħodd għal dawk kollha li qed jistudjaw il-Malti għall-eżami taċ-Ċertifikat Ġenerali tal-Edukazzjoni fil-Livell Ordinarju mit-Tielet sal-Ħames Klassi tal-Iskejjel Sekondarji, għall-Matrikola fil-Livell Ordinarju fil-Ħames Klassi tal-Iskejjel Sekondarji, għall-Matrikola fil-Livell Avvanzat fis-Sitt Klassi u għall-eżamijiet tas-Servizz Ċivili u tas-surġenti u tal-ispetturi.

Fih 300 suġġett imnejn wieħed jagħżel għall-komponiment ġenerali, 90 silta għat-traduzzjoni, 15-il Taħriġ il-Fehem ("Comprehension Test") u 300 taħriġ fil-grammatika u fil-lingwa.

Dan ix-xogħol Ġorġ Mifsud ħejjieh biex dak li jkun iħossu żgur minnu nnifsu għall-eżamijiet u biex mis-siltiet stess jikseb ħafna tagħrif wiesa' li jirfdu, isaħħu u jiftaħlu moħħu fil-ħsieb u fl-ideat.

**Fommu bil-Għasel** se jiswa mitqlu deheb għall-għalliema u għall-istudenti: bih f'idejhom se jkollhom għodda edukattiva mill-iprem u li ftit għadhom ħarġu bħalha sa issa għat-tagħlim tal-Ilsien Malti.

TAĦRIĠ GĦALL-ISTUDENTI
TAL-MATRIKOLA AVANZATA

## NIRIEN TA' MĦABBA

minn
ĠUŻÈ CHETCUTI
L-Awtur ta' NIRIEN TA' MĦABBA

L-iskop ta' dan it-Taħriġ dwar **NIRIEN TA' MĦABBA** hu li jagħti lil dawk li qed jistudjaw ir-rumanz għall-Eżami tal-Matrikola Avanzata studji dwar l-istil, il-karattri, id-djalogar, l-element folkloristiku u l-isvolġiment tas-suġġett bħalma wkoll sommarji tal-kapitli u tifsir dettaljat ta' kliem u espressjonijiet idjomatiċi. B'hekk l-istudenti għandhom isibuha faċli ħafna biex jifhmu u japprezzaw il-kwalitajiet letterarji tar-rumanz.

Bla dubju dawn in-Noti, Studji u Taħriġ għandhom ikunulhom ta' għajnuna kbira lill-istudenti tal-Matrikola Avanzata meta jiġu biex jistudjaw bir-reqqa kif inhu xieraq dan ir-rumanz **NIRIEN TA' MĦABBA**.




peg Publications

**Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Ltd,**
P.E.G. Building, Triq Herbert Ganado,
Ħamrun, Malta.

Telefon: 24186